

Rapport speċjali

Ekonomija ċirkolari

It-tranżizzjoni min-naħa tal-Istati Membri
miexja bil-mod minkejja l-azzjoni tal-UE



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I - X
Introduzzjoni	01 - 14
Ekonomija ċirkolari	01 - 02
Enfasi dejjem akbar mil-leġiżlazzjoni tal-UE fuq l-ekonomija ċirkolari	03 - 08
Il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAPs) tal-Kummissjoni	09 - 14
Ambitu u approċċ tal-awditjar	15 - 21
Osservazzjonijiet	22 - 91
Fokus dejjem akbar fuq l-ekonomija ċirkolari mill-Istati Membri, iżda l-progress miexi bil-mod u hemm problemi bil-monitoraġġ	22 - 32
Il-progress tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari miexi bil-mod	23 - 26
L-istrategġiji tal-Istati Membri għal ekonomija ċirkolari kienu influwenzati mis-CEAP 1	27 - 28
Hemm dgħufijiet fil-qafas ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni	29 - 32
Evidenza limitata li l-miżuri ta' abilitazzjoni tas-CEAP 1 kienu effettivi fil-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari	33 - 51
Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-identifikazzjoni ta' obsolexxenza ppjanata ma kinitx fattibbli	35 - 37
Il-livell sa fejn jintuża l-appoġġ għas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi ma kienx ċar	38 - 39
Il-kontribuzzjoni tal-proġetti li jappoġġaw l-aċċess għal teknoloġiji avvanzati tal-manifattura kien limitat	40 - 42
Il-BREFs, l-EMAS u l-ETV kellhom impatt modest fuq is-sostenibbiltà tal-proċessi tal-produzzjoni	43 - 49
Il-Kummissjoni kienet involuta mal-partijiet interessati permezz ta' fora eżistenti	50 - 51

Il-finanzjament mill-UE kien disponibbli biex jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, iżda ftit li xejn intuża għad-disinn ċirkolari	52 - 91
Il-Kummissjoni ppjanat finanzjament sinifikanti mill-UE għall-ekonomija ċirkolari	54 - 55
Użu limitat tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għal proġetti relatati mad-disinn ċirkolari	56 - 65
Il-Kummissjoni mmobilizzat il-finanzjament taħt Orizzont 2020 għall-ekonomija ċirkolari, iżda b'impatt limitat fl-Istati Membri	66 - 75
LIFE ffinanzja proġetti tal-ekonomija ċirkolari, iżda s-sehem tagħhom relatat mad-disinn ċirkolari mhuwiex magħruf	76 - 81
COSME pprova ftit li xejn appoġġ għall-oġġettivi tad-disinn ċirkolari	82 - 85
L-appoġġ mill-FEIS għad-disinn ċirkolari kien limitat mid-domanda tas-suq	86 - 91
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	92 - 98

Annessi

Anness I – Traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE li huma rilevanti għall-ekonomija ċirkolari u li ġew adottati matul is-CEAP 1

Anness II – Lista tal-azzjonijiet tas-CEAP 1 u tas-CEAP 2 tal-Kummissjoni relatati mad-disinn ċirkolari

Anness III – Il-qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Sommarju eżekuttiv

I Tradizzjonalment, l-ekonomiji kellhom it-tendenza li jsegwu ċiklu lineari ta' "hu-uża-armi". Madankollu, ekonomija ċirkolari tippreserva l-valur tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi kemm jista' jkun fit-tul u timminimizza l-iskart. Għaċ-ċittadini, dan ifisser prodotti li jdumu jservu aktar u/jew li jkunu aktar faċli biex jissewwew, jitjiebu, jiġu mmanifatturati mill-ġdid, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati. Għan-negozji, dan joffri l-potenzjal għal effiċjenza akbar fir-riżorsi.

II Id-disinn ta' prodott jiddetermina madwar 80 % tal-impatt ambjentali tiegħu. Sabiex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali, jeħtieġ li l-prodotti u l-proċessi tal-produzzjoni jiġu ddisinjati mill-ġdid f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, skont il-prijorità tal-UE li tiġi pprevenuta l-ġenerazzjoni tal-iskart.

III L-effiċjenza fir-riżorsi ilha fuq l-aġenda politika tal-UE għal aktar minn 10 snin. Il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari jagħmlu parti mill-istrategġiji tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari. Fl-2015, il-Kummissjoni ħarġet l-ewwel Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Ekonomija Ċirkolari, li kien jinkludi miżuri biex jiġi stabbilit il-qafas regolatorju ta' sostenn u l-orjentazzjoni tal-politika, jiġi allokat il-finanzjament mill-UE u tiġi mmonitorjata t-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari. Fl-2020, b'rispons għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ħarġet pjan ta' azzjoni ġdid, li jibni fuq dak preċedenti u jistabbilixxi mira ta' aspirazzjoni li sal-2030 jiġi rdoppjat is-sehem tal-UE tal-materjal li jiġi riċiklat u li jerġa' jiddaħħal fl-ekonomija.

IV L-awditjar li wettaqna vvaluta jekk l-azzjoni tal-Kummissjoni kinitx effettiva biex tinfluwenza l-attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari fl-Istati Membri. Iffukajna fuq l-azzjonijiet tal-Kummissjoni mill-ewwel pjan ta' azzjoni tagħha tal-2015, li kienu relatati mad-disinn u l-produzzjoni. Eżaminajna l-pass tat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari, l-effettività tal-miżuri ta' abilitazzjoni tal-Kummissjoni li ġew imfassla biex jappoġġaw din it-tranżizzjoni, u l-mobilizzazzjoni tal-fondi tal-UE minn firxa ta' sorsi għall-ekonomija ċirkolari. Ir-rapport tagħna huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-isfida kontinwa fi ħdan l-UE sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi. Dan għandu jgħin lill-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tagħha tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u timmira aħjar il-finanzjament mogħti mill-UE lejn id-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni – l-aktar mod effettiv biex issir bidla lejn ekonomija ċirkolari.

V B'mod ġenerali, ikkonkludejna li hemm biss evidenza limitata li l-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, u b'mod partikolari l-azzjonijiet rigward id-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni, kienu influwenzaw l-attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari fl-Istati Membri.

VI Mil-lat pożittiv, mill-pubblikazzjoni tal-ewwel Pjan ta' Azzjoni 'l hawn, kien hemm żieda fl-attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Minkejja dan, il-pass tal-progress għadu miexi bil-mod. L-ambizzjoni tal-UE, li sal-2030 tirdoppja s-sehem tagħha ta' materjal li jiġi riċiklat u li jerġa' jiddaħħal fl-ekonomija, tidher diffiċli ħafna.

VII Il-qafas tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ tat-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari ma kienx ikopri bis-sħiħ l-aspetti ewlenin kollha, u ma kellux indikaturi speċifiċi relatati mad-disinn ċirkolari tal-prodotti. Sibna li filwaqt li l-qafas ta' monitoraġġ kien qed jiġi rrieżaminat fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, l-indikaturi tal-Kummissjoni ma mmonitorjawx b'mod komprensiv il-progress kumplessiv tat-tranżizzjoni.

VIII Sibna biss evidenza limitata li l-miżuri ta' abilitazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, li tfasslu biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari billi jistabbilixxu orjentazzjoni tal-politika f'oqsma bħall-innovazzjoni u l-investiment, kienu effettivi. Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu tajjeb mill-investimenti tal-UE billi jipprijoritizzaw il-prevenzjoni tal-iskart.

IX Fil-perjodu 2014-2020, l-UE ppjanat finanzjament ta' aktar minn EUR 10 biljun għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Minkejja d-disponibbiltà tal-fondi tal-UE u l-appoġġ kumplessiv għal ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma mmirawx il-finanzjament b'mod effettiv lejn investimenti li jiffukaw fuq id-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni. Il-finanzjament mill-UE ntuża fil-biċċa l-kbira għall-immaniġġjar tal-iskart, li għandu inqas potenzjal li jnaqqas l-impatt ambjentali. Filwaqt li saret aktar enfasi fuq l-ekonomija ċirkolari fil-programmazzjoni tal-perjodu 2021-2027, l-Istati Membri xorta waħda jistgħu jagħżlu li jonfqu ammont sostanzjali ta' finanzjament mill-UE fuq l-immaniġġjar tal-iskart minflok fuq il-prevenzjoni tiegħu permezz tad-disinn ċirkolari.

X Aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni:

- ittejjeb il-monitoraġġ tagħha tat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari biex tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar politika, inizjattivi u azzjonijiet ġodda; u
- tanalizza r-raġunijiet għall-użu baxx li jsir mill-finanzjament tal-UE għad-disinn ċirkolari u tqis il-possibbiltà għal inċentivazzjoni akbar.

Introduzzjoni

Ekonomija ċirkolari


01 It-terminu “ekonomija ċirkolari” jirreferi għall-kunċett ta’ preservazzjoni tal-valur tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi kemm jista’ jkun fit-tul, kif ukoll ta’ minimizzazzjoni tal-iskart. Dan l-approċċ huwa differenti minn ċiklu tradizzjonali ta’ “hu-uża-armi”, u għandu vantaġġi sinifikanti f’termini ta’ sostenibbiltà. Għaċ-ċittadini, dan ifisser prodotti li jdumu jservu aktar u/jew li jkunu aktar faċli biex jissewwew, jitjiebu, jiġu mmanifatturati mill-ġdid, jintużaw mill-ġdid jew jiġu riċiklati. Għan-negozji, dan joffri għadd ta’ vantaġġi potenzjali, inklużi effiċjenza akbar fir-riżorsi u skopertura aktar baxxa għall-volatilità tal-prezzijiet.

02 Ekonomija ċirkolari tinkludi ċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta’ prodott. Madankollu, kif tenfasizza l-Kummissjoni¹: “Ekonomija ċirkolari tibda fil-bidu nett ta’ ħajja ta’ prodott. Kemm il-fażi tad-disinn u l-proċessi tal-produzzjoni jkollhom impatt fuq il-provenjenza, l-użu tar-riżorsi u l-ħolqien tal-iskart tul il-ħajja ta’ prodott”. Sabiex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali tagħhom, jeħtieġ li l-prodotti u l-proċessi tal-produzzjoni jiġu ddisinjati mill-ġdid f’konformità mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, skont il-prijorità tal-UE li tiġi pprevenuta l-ġenerazzjoni tal-iskart (ara l-**Figura 1**). Madwar 80 % tal-impatt ambjentali ta’ prodott huwa ddeterminat mid-disinn tiegħu².

¹ Il-pjan ta’ azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari, [COM\(2015\) 614](#).

² [Ecodesign your future: how ecodesign can help the environment by making products smarter](#), il-Kummissjoni Ewropea, 2014.

Figura 1 – Fażijiet tal-ekonomija ċirkolari vs il-prevenzjoni tal-iskart fl-UE



Sors: il-QEA, ibbażat fuq id-dokument tal-Kummissjoni “Cohesion policy support for the circular economy”, Ġunju 2016; u fuq id-Direttiva Qafas dwar l-iskart.

Enfasi dejjem akbar mil-leġiżlazzjoni tal-UE fuq l-ekonomija ċirkolari

03 L-effiċjenza fir-riżorsi ilha fuq l-aġenda politika tal-UE għal aktar minn 10 snin. F'Marzu 2010, il-Kummissjoni adottat l-istrateġija Ewropa 2020 tagħha³, li kienet tinkludi l-prijorità “Il-promozzjoni ta’ ekonomija aktar effiċjenti fl-użu ta’ riżorsi, aktar ekoloġika u aktar kompetittiva”. Fl-2011, il-Kummissjoni ppubblikat l-inizjattiva ewlenija “Ewropa b’Użu Effiċjenti tar-Riżorsi”⁴, li hija pjan direzzjonali biex it-tkabbir ekonomiku jsir sostenibbli billi jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi.

³ L-istrateġija tal-Kummissjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020.

⁴ Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Ewropa b’Użu Effiċjenti tar-Riżorsi, KUMM(2011) 571.

04 F'Lulju 2014, il-Kummissjoni ppubblikat proposta leġiżlattiva għal direttiva dwar it-tnaqqis tal-iskart⁵, li kienet akkumpanjata minn komunikazzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari⁶ (il-“Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari”). Madankollu, f'Marzu 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li **tirtira** l-proposta tagħha, li kienet ġiet ikkritikata minħabba li kienet tiffoka fuq il-politiki u l-leġiżlazzjoni dwar l-iskart aktar milli fuq proposti speċifiċi biex jittejjeb iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti, u b'mod partikolari biex jiġi pprevenut l-iskart.

05 L-UE adottat firxa wiesgħa ta' direttivi dwar l-ekonomija ċirkolari. Id-Direttiva dwar l-Ekodisinn⁷ tal-2009 hija l-att leġiżlattiv ewlieni għall-prodotti relatati mal-enerġija f'dak li jirrigwarda l-istabbiliment ta' rekwiżiti għad-disinn ċirkolari tal-prodotti. Bejn l-2015 u l-2019, għadd ta' direttivi⁸ li jippromwovu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni tal-iskart u l-użu prudenti, effiċjenti u razzjonali tar-riżorsi naturali ġew promulgati mil-leġiżlaturi tal-UE. Tlieta minn dawn id-direttivi kienu rilevanti għad-disinn ċirkolari tal-prodotti:

- id-Direttiva tal-2015 dwar ir-Restrizzjoni ta' Sustanzi Perikolużi;
- id-Direttiva tal-2018 dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ; u
- id-Direttiva tal-2019 dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss.

06 L-Istati Membri kienu għadhom fil-proċess li jittrasponu dawn id-direttivi fil-liġi nazzjonali tagħhom (ara l-**Anness I**).

⁵ Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-iskart, [COM\(2014\) 397](#).

⁶ Għal Ekonomija Ċirkolari: Programm ta' skart żero għall-Ewropa, [COM\(2014\) 398](#).

⁷ Id-Direttiva [2009/125/KE](#) dwar ir-rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija.

⁸ **(1)** Id-Direttiva (UE) [2015/863](#) dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi; **(2)** [2018/849](#) dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, (skart) ta' batteriji u ta' akkumulaturi u skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku; **(3)** [2018/850](#) dwar ir-rimi ta' skart f'landfills; **(4)** [2018/851](#) dwar l-iskart; **(5)** [2018/852](#) dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ; **(6)** [2019/771](#) dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti; u **(7)** [2019/883](#) dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti; **(8)** [2019/904](#) id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss.

07 Mill-2020 'il hawn, il-Kummissjoni bdiet tintegra b'mod sistematiku r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għad-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-produzzjoni fil-proposti leġiżlattivi tagħha, bħal:

- o proposta għal inizjattiva ta' politika għal prodotti sostenibbli⁹;
- o fil-qafas tal-inizjattiva għall-elettronika ċirkolari, proposta għal soluzzjoni ta' ċarġer komuni u sistema biex tippremja lill-konsumaturi talli jirritornaw l-apparati qodma tagħhom¹⁰;
- o proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali¹¹, inkluża l-inkorporazzjoni ta' prattiki tal-ekonomija ċirkolari fid-dokumenti ta' referenza tal-“aqwa tekniki disponibbli” (BREFs) li jmiss; u
- o reviżjoni tad-Direttiva tal-2011 dwar ir-Restrizzjoni ta' Sustanzi Perikolużi¹² u gwida biex jiġu kkjarifikati r-rabtiet tagħha mar-Regolament tal-2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)¹³ u r-rekwiżiti għall-ekodisinn.

08 Fi tmien l-2022, bl-eċċezzjoni ta' direttiva ġdida li tkopri ċ-ċarġers komuni¹⁴, li mistennija tiġi applikata minn Diċembru 2024, il-leġiżlazzjoni li tirregola dawn l-inizjattivi kienet għadha fil-proċess li tiġi adottata. Fi Frar 2023, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku tagħha, li jirreferi għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari b'rabta mal-għan komuni tagħhom li jiġi stabbilit il-qafas għat-trasformazzjoni tal-industrija tal-UE għal żmien l-emissjonijiet żero netti¹⁵.

⁹ Il-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament dwar ir-rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, [COM\(2022\) 142](#).

¹⁰ Il-proposta tal-Kummissjoni għad-direttiva dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju, [COM\(2021\) 547](#).

¹¹ Il-proposta tal-Kummissjoni għad-direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, [COM\(2022\) 156](#).

¹² Id-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku.

¹³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.

¹⁴ Id-Direttiva (UE) 2022/2380 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju.


¹⁵ Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, [COM\(2023\) 62](#).

Il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAPs) tal-Kummissjoni

09 Il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAPs) jagħmlu parti mill-qafas strateġiku tal-Kummissjoni għall-ekonomija ċirkolari (ara l-**Figura 2**). Dawn il-pjanijiet jinkludu erba' tipi ta' azzjonijiet:

- l-iżgurar tal-qafas regulatorju t-tajjeb (eż. direttivi, regolamenti ta' implimentazzjoni);
- il-miżuri trażversali li jstabbilixxu l-orjentazzjoni tal-politika (magħrufa bħala “miżuri ta' abilitazzjoni” f'dan ir-rapport) f'oqsma bħall-innovazzjoni u l-investiment (bħall-iżvilupp ta' skemi ta' ttestjar orizzontali) biex tiġi stimulata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari;
- l-allokazzjoni ta' finanzjament mill-UE għal proġetti li jaċċelleraw il-progress lejn iċ-ċirkolarità; u
- il-monitoraġġ tal-progress tal-UE lejn ekonomija ċirkolari.

Figura 2 – Il-qafas strateġiku tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari



Sors: il-QEA.

10 Fl-2015, il-Kummissjoni ħarġet l-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAP 1) tagħha¹⁶, li kien jinkludi 54 azzjoni speċifika. Fl-2020, b'rispons għall-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁷, il-Kummissjoni ħarġet is-CEAP 2¹⁸. Filwaqt li jibni fuq is-CEAP 1, dan il-pjan jinkludi 35 azzjoni addizzjonali b'appoġġ għal ekonomija aktar ċirkolari. Is-CEAP 2 jistabbilixxi wkoll mira ta' aspirazzjoni li tiġi rdoppjata r-“rata tal-użu tal-materjal ċirkolari” tal-UE (jiġifieri l-proporzjon ta' materjal li jiġi riċiklat u li jerġa' jiddaħħal fl-ekonomija) sal-2030.


11 Kemm is-CEAP 1 kif ukoll is-CEAP 2 jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari billi jippromwovu l-produzzjoni sostenibbli, il-konsum u l-effiċjenza fir-riżorsi għall-benefiċċju tan-negozji u taċ-ċittadini. Il-pjanijiet ta' azzjoni jistabbilixxu objettivi għad-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni (imsejġha l-“objettivi tas-CEAP” f'dan ir-rapport, ara l-**Figura 3**). Kważi kwart (21) mid-89 azzjoni li jinsabu fiż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni jimmiraw lejn il-fażijiet tad-disinn u tal-produzzjoni, u jkopru l-erba' tipi ta' azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu **09** hawn fuq. L-**Anness II** jipprovdi deskrizzjoni aktar dettaljata.

¹⁶ Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari (CEAP 1), [COM\(2015\) 614](#).

¹⁷ Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, [COM\(2019\) 640](#).

¹⁸ It-tieni pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari (CEAP 2), [COM\(2020\) 98](#).

Figura 3 – Obiettivi għad-disinn ċirkolari u t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari tal-UE mis-CEAP 1 u s-CEAP 2



Sors: il-QEA, ibbażat fuq il-komunikazzjonijiet dwar is-CEAP 1 u s-CEAP 2.

12 Fis-CEAP 1, il-Kummissjoni speċifikat li jenħtieġ li l-politika ta' koeżjoni tiffinanzja proġetti fil-livell lokali u reġjonali biex tippromwovi l-prevenzjoni tal-iskart. Għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni għamlet disponibbli finanzjament mill-UE ta' aktar minn EUR 10 biljun għall-ekonomija ċirkolari mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, primarjament il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), kif ukoll fondi oħra tal-UE kemm taħt ġestjoni diretta (bħal Orizzont 2020, il-programm LIFE u l-Programm tal-UE għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME)) kif ukoll taħt ġestjoni indiretta (bħall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-Finanzjament tal-UE għall-Innovaturi (InnovFin)).

13 Il-Kummissjoni hija esklużivament responsabbli għall-implimentazzjoni tas-CEAP 1 u s-CEAP 2. Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV) u d-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-Intrapriżi żgħar u medji (DĠ GROW), taħt is-superviżjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni, kienu responsabbli għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-CEAP 1. Għas-CEAP 2, id-DĠ ENV ħa r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ.

14 La s-CEAP 1 u lanqas is-CEAP 2 ma jorbtu lill-Istati Membri, u ma hemm l-ebda rekwiżit li dawn għandhom ikollhom l-istrateġiji nazzjonali proprji tagħhom għal ekonomija ċirkolari. Madankollu, il-pjanijiet ta' azzjoni tabilħaqq jinkludu proposti leġiżlattivi li, ladarba jiġu implimentati, se joħolqu kundizzjonijiet vinkolanti. Skont il-Kummissjoni, "biex l-ekonomija ċirkolari ssir realtà, se jkun jeħtieġ involviment fit-tul fil-livelli kollha, mill-Istati Membri, reġjuni u bliet, san-negozji u ċ-ċittadini"¹⁹.

¹⁹CEAP 1, p. 3.


Ambitu u approċċ tal-awditjar

15 L-awditjar li wettaqna vvaluta jekk il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-azzjonijiet relatati mad-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni, (imsejjaħ "disinn ċirkolari" f'dan ir-rapport) kinux effettivi biex jinfluwenzaw l-attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari fl-Istati Membri. B'mod partikolari, eżaminajna jekk:

- o l-attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari kinux żdiedu fl-Istati Membri mill-2015 'il hawn;
- o il-miżuri ta' abilitazzjoni tas-CEAP 1 dwar id-disinn ċirkolari kinux effettivi fil-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari; u
- o il-Kummissjoni kinitx effettiva fil-mobilizzazzjoni tal-fondi tal-UE biex tappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi tas-CEAP, partikolarment dawk relatati mad-disinn u l-produzzjoni.

16 L-awditjar li wettaqna jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2022. Iffukajna fuq is-CEAP 1 billi, fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, kien kmieni wisq biex nivvalutaw l-azzjonijiet tas-CEAP 2. Koprejna 11 mill-21 azzjoni totali tas-CEAP 1 li huma relatati mad-disinn ċirkolari (ara l-[Figura 4](#) u l-[Anness II](#)). Eskludejna l-azzjonijiet tas-CEAP li huma marbuta mal-"lżgurar tal-qafas regolatorju t-tajjeb", billi l-leġiżlazzjoni għal għadd ta' proposti ewlenin kienet għadha ma ġietx adottata fiż-żmien meta wettaqna l-awditu (ara l-paragrafi [07-08](#)).

Figura 4 – Azzjonijiet tas-CEAP 1 fi ħdan l-ambitu tal-awditjar tagħna



Sors: il-QEA.

17 Eżaminajna d-dokumentazzjoni u intervistajna lill-persunal mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni involuti fl-implimentazzjoni tas-CEAPs, mill-Eurostat u mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Intervistajna wkoll lill-partijiet interessati rilevanti fil-livell internazzjonali u dak tal-Istati Membri (inklużi rappreżentanti tan-negozji) biex nikkorrobraw l-analiżi li wettaqna tad-dokumenti u l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

18 Fi ħdan il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, iffukajna fuq il-FEŻR bħala s-sors prinċipali ta' finanzjament għat-tranżizzjoni tal-Intrapriżi żgħar u medji (SMEs) lejn ekonomija ċirkolari. Għażilna tliet Stati Membri – l-Irlanda, in-Netherlands u l-Polonja – biex nivvalutaw il-progress li għamlu lejn ekonomija ċirkolari, il-financejment ippjanat tagħhom taħt il-FEŻR, u l-prijoritajiet strateġiċi tagħhom. Ibbażajna l-għażla tagħna fuq il-progress li għamlu fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari (rata ta' ċirkolarità), il-financejment ippjanat tagħhom taħt il-FEŻR, u fuq jekk kellhomx strateġija nazzjonali għal ekonomija ċirkolari, bl-għan li niksbu taħlita xierqa f'termini ta' kull wieħed minn dawn il-kriterji. Eżaminajna l-istrateġiji nazzjonali, id-dokumenti ta' politika u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll il-programmi taħt il-FEŻR tagħhom għall-perjodu 2014-2020 u (fejn disponibbli) għall-perjodu 2021-2027, u l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRPs). Wettaqna intervisti online mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-benefiċjarji tal-proġetti magħżula.

19 Mil-lista ta' proġetti li ġiet ipprovduta mill-awtoritajiet maniġerjali fl-Istati Membri magħżula, għażilna tliet proġetti taħt il-FEŻR, li fil-fehma tagħna kellhom potenzjal għoli li jikkontribwixxu għad-disinn ċirkolari (tnejn kull wieħed fin-Netherlands u fil-Polonja u wieħed fl-Irlanda). Eżaminajna wkoll tliet proġetti taħt Orizzont 2020, tliet proġetti taħt COSME, proġett wieħed taħt LIFE u wieħed taħt il-FEIS. L-għan tagħna kien li nivvalutaw ir-rilevanza ta' dawn il-proġetti u l-punt sa fejn ikkontribwew kemm għall-oġettivi kumplessivi tas-CEAP kif ukoll għal dawk l-oġettivi relatati mad-disinn ċirkolari.

20 Waqt li konna qed inħejju l-awditu tagħna, wettaqna stħarriġ tal-awtoritajiet maniġerjali kollha tal-FEŻR fl-UE dwar is-suġġett tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għal skopijiet ta' ekonomija ċirkolari. Użajna r-riżultati ta' dan l-istħarriġ għal analiżi ta' segwitu tal-infiq taħt il-FEŻR fit-tliet Stati Membri magħżula. Ibbażajna wkoll fuq is-sejbiet tar-rapport speċjali tagħna tal-2020 dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija²⁰; ir-rapport speċjali tagħna tal-2022 dwar sinerġiji bejn Orizzont 2020 u fondi tal-politika ta' koeżjoni²¹; u r-rapport analitiku tagħna tal-2023 dwar l-azzjonijiet tal-UE biex jiġi indirizzat l-iskart perikoluż²². Waqt li konna qed inħejju r-rakkomandazzjonijiet tagħna, ħadna kont ukoll tal-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tagħna tal-2021 dwar il-finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' koeżjoni²³.

21 Ir-rapport tagħna huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-isfida kontinwa fi ħdan l-UE sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi. Dan għandu jgħin lill-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tagħha tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u timmira aħjar il-finanzjament mogħti mill-UE lejn id-disinn ċirkolari – l-aktar mod effettiv biex issir bidla lejn ekonomija ċirkolari.

²⁰ Ir-Rapport Speċjali 01/2020: "L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal effiċjenza akbar fl-enerġija tnaqqas minn dewmien sinifikanti u nuqqas ta' konformità".

²¹ Ir-Rapport Speċjali 23/2022: "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej: Il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax".

²² Ir-Rapport Analitiku 02/2023: "Azzjonijiet tal-UE biex jiġi indirizzat l-ammont dejjem jiżdied ta' skart perikoluż".

²³ Ir-Rapport Speċjali 24/2021: "Finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' Koeżjoni: ambizzjonijiet siewja, iżda kien għad hemm ostakli fil-perjodu 2014-2020".

Osservazzjonijiet

Fokus dejjem akbar fuq l-ekonomija ċirkolari mill-Istati Membri, iżda l-progress miexi bil-mod u hemm problemi bil-monitoraġġ

22 Aħna eżaminajna:

- o il-progress tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari u jekk dan kienx aċċellera wara l-pubblikazzjoni tas-CEAP 1 fl-2015;
- o jekk il-pjanijiet ta' azzjoni tal-Kummissjoni (CEAP 1 u CEAP 2), u b'mod partikolari l-azzjonijiet relatati mad-disinn ċirkolari tal-prodotti, kinux influwenzaw l-istrategġji u l-pjanijiet nazzjonali biex jallinjawhom mal-prijoritajiet tal-UE; u
- o jekk il-Kummissjoni, biex tiffaċilita l-ippjanar tal-politiki futuri tal-UE, kinitx stabbiliet sistema ta' monitoraġġ kompluta u komprensiva biex tkejjel il-progress tal-Istati Membri fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija ċirkolari.

Il-progress tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari miexi bil-mod

23 Is-CEAP 1 kien jinkludi azzjoni għall-Kummissjoni biex tiżviluppa qafas ta' monitoraġġ biex ikejjel it-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari (ara l-Azzjoni 15 mill-[Annex II](#)). Dan il-qafas uża *data* eżistenti mill-Eurostat u minn sorsi uffiċjali oħra. Huwa twettaq fl-2018, u kien jinkludi l-indikatur “rata tal-użu tal-materjal ċirkolari” (ara wkoll il-paragrafi [29](#) - [32](#)).


24 Dan l-indikatur, magħruf ukoll bħala r-rata ta' ċirkolarità, ikejjel is-sehem ta' materjal li jiġi riċiklat u li jerġa' jiddaħħal fl-ekonomija. Xi organizzazzjonijiet internazzjonali²⁴ u awtoritajiet nazzjonali jqisu bħala indikatur għall-progress kumplessiv tal-pajjiżi lejn ekonomija ċirkolari. Il-Kummissjoni stess użat dan l-indikatur biex tistabbilixxi l-mira tas-CEAP 2 għall-2030 (ara l-paragrafu [10](#)) u fir-rapporti annwali tagħha tal-pajjiżi biex turi s-suċċess tal-Istati Membri fl-ilħuq tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ċirkolari.

²⁴ Eż. “[The OECD Inventory of Circular Economy indicators](#)”, l-OECD, 2021; u l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE).


25 L-Eurostat ikkompila r-rata ta' ċirkolarità tal-UE mill-2018 'il hawn u seta' jikkalkula r-rata b'mod retrospettiv lura għall-2004. Il-*Figura 5* turi li bejn l-2015 u l-2021, ir-rata medja ta' ċirkolarità għall-Istati Membri kollha tal-UE (l-"EU-27") żdiedet b'0.4 punti perċentwali biss. Filwaqt li l-oġettiv tas-CEAP 2 tal-Kummissjoni huwa li tiġi rdoppjata r-rata ta' ċirkolarità tal-2020 sal-2030, ir-rata ta' ċirkolarità reali naqset kemxejn mill-2019 'il hawn. Ir-rata ta' ċirkolarità tal-UE għall-2021, li kienet ta' 11.7 %, hija oġġla mir-rata ta' ċirkolarità globali l-aktar reċenti ta' 7.6 %, li niżlet meta mqabbla ma' 9.1 % fl-2018²⁵.

²⁵ "The circularity gap report 2023", Amsterdam: Circle Economy.

Figura 5 – Il-progress tal-EU-27 lejn ekonomija ċirkolari



2021




Sors: il-QEA, ibbażat fuq [Eurostat - circular material use rate](#). Disinn tal-mapep: I-Eurostat.

26 Il-*Figura 5* turi wkoll li hemm varjazzjoni sinifikanti fir-rati ta' ċirkolarità fost l-Istati Membri – xi wħud ħafna drabi jużaw aktar materjali riċiklati minn oħrajn.

Il-*Figura 6* turi l-progress li sar minn kull Stat Membru bejn l-2015 u l-2021, u l-ammont ta' skart iġġenerat. Seba' Stati Membri – inkluż wieħed li analizzajna f'aktar dettall (il-Polonja) – irrigrassaw matul dan il-perjodu.

Figura 6 – Il-progress tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari għall-perjodu 2015-2021



Sors: il-QEA, ibbażat fuq Eurostat circular material use rate u Generation of waste.

L-istrategġiji tal-Istati Membri għal ekonomija ċirkolari kienu influwenzati mis-CEAP 1

27 Is-CEAP 1 ma kienx jirrikjedi li l-Istati Membri jfasslu strategġija għal ekonomija ċirkolari. Madankollu, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri jistabbilixxu u jadottaw miżuri u/jew strategġiji li jikkomplementaw u jikkontribwixxu għas-CEAP 1. Eżaminajna jekk it-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari kinitx aċċellerat skont l-aspettattivi tal-Kunsill għas-CEAP 1²⁶. Sa Ġunju 2022, kważi l-Istati Membri kollha tal-UE kienu żviluppaw, jew kienu fil-proċess li jiżviluppaw, strategġija nazzjonali għal ekonomija ċirkolari (ara l-[Figura 7](#)). Il-biċċa l-kbira minnhom ġew adottati wara l-2016. Xi Stati Membri kienu saħansitra żviluppaw strategġiji reġjonali jew fil-livell tal-bliet.

²⁶ “Council conclusions on the EU action plan for the circular economy”, [Stqarrija għall-istampa 367/16](#), il-paragrafu 2.

Figura 7 – Dokumenti strateġiċi nazzjonali tal-EU-27 dwar l-ekonomija ċirkolari



Sors: il-QEA, analiżi bbażata fuq informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni f'Ġunju 2022.

28 Il-*Kaxxa 1* tiddekrivi l-istrateġiji għal ekonomija ċirkolari tat-tliet Stati Membri li eżaminajna f'aktar dettall. Il-pajjiżi kienu jvarjaw konsiderevolment fit-twaqqit tal-adozzjoni tal-istrateġija tagħhom. Il-kontenut u d-dettall tad-dokumenti strateġiċi kienu differenti wkoll. L-elementi kollha inklużi kienu relatati mad-disinn ċirkolari; madankollu, xi wħud enfasizzaw stadji taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott li għandhom inqas impatt bħar-riċiklaġġ jew forom oħra ta' trattament tal-iskart. Madankollu, dawk kollha

li jfasslu l-politika u li intervistajna rrikonoxxew li kemm is-CEAP 1 kif ukoll is-CEAP 2 kienu influwenzaw l-istrateġiji tagħhom u l-azzjonijiet sottostanti.

Kaxxa 1

L-istrateġiji għal ekonomija ċirkolari tal-Irlanda, tan-Netherlands u tal-Polonja

L-istrateġija tan-Netherlands, li ġiet adottata fil-ħarifa tal-2016, stabbiliet l-għanijiet ta' tnaqqis ta' 50 % fl-użu ta' materja prima primarja sal-2030 u ekonomija kompletament ċirkolari sal-2050. Hija tkopri aspetti tal-istadji kollha tal-ekonomija ċirkolari, inkluż id-disinn ċirkolari, b'referenzi diretti għas-CEAP 1.

Fil-Polonja, il-*Pjan Direzzjonali għal Ekonomija Ċirkolari* tal-2019 kien jinkludi azzjonijiet rilevanti għall-istadji tad-disinn u l-produzzjoni tal-ekonomija ċirkolari, u jibni fuq is-CEAP 1. F'Lulju 2022, il-Gvern Pollakk adotta l-*Istrateġija għall-Produttività* ġdida tiegħu, li tfasslet biex tiggwida l-appoġġ futur għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fil-Polonja. Biex ikejjel it-tranżizzjoni, il-Gvern iddeċieda li jimmonitorja indikaturi differenti minn dawk użati mill-Kummissjoni (eż. il-“produttività tar-riżorsi”).

Fl-2020, il-Gvern Irlandiż adotta l-*Pjan ta' Azzjoni dwar l-Iskart għall-Ekonomija Ċirkolari*, li huwa pjan direzzjonali għall-ippjanar u l-immaniġġjar tal-iskart. L-oġettivi ewlenin tiegħu kienu li jinbidel il-fokus fuq it-tneħħija jew it-tfassil li jelimina l-iskart ta' ħsara u fuq l-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti u l-oġġetti billi jerġgħu jintużaw u billi l-ewwel nett jiġi pprevenut li l-iskart iseħħ. F'Diċembru 2021, il-Gvern adotta l-*Istrateġija ta' Gvern Sħiħ għal Ekonomija Ċirkolari* tiegħu, inkluż l-oġettiv li jżid ir-rata ta' ċirkolarità tal-Irlanda 'l fuq mill-medja tal-UE sal-2030.

Hemm dgħufijiet fil-qafas ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni

29 L-għan tal-Azzjoni 15 tas-CEAP 1 kien li jiġi stabbilit qafas biex jimmonitorja t-tendenzi u x-xejriet ewlenin sabiex jinkiseb fehim dwar elementi varji tal-ekonomija ċirkolari matul iż-żmien, jgħin biex jiġu identifikati fatturi ta' suċċess fl-Istati Membri u jivvaluta jekk kinitx ittiegħdet azzjoni suffiċjenti.

30 Il-Kummissjoni pprovdiet l-ewwel verżjoni tal-qafas ta' monitoraġġ f'Jannar 2018, u aġġornatu regolarment minn dak iż-żmien 'il hawn. Dan jinkludi 10 indikaturi (ara l-*Anness III*), li jkejjlu l-progress f'erba' oqsma: (1) il-produzzjoni u l-konsum, (2) l-immaniġġjar tal-iskart, (3) il-materja prima sekondarja u (4) il-kompetittività u l-innovazzjoni. Sibna li ma hemm l-ebda indikatur speċifiku relatat mad-disinn ċirkolari tal-prodotti.

31 In-nuqqas ta' indikaturi speċifiċi relatati mad-disinn ġie indikat ukoll mill-partijiet interessati istituzzjonali, b'hall-Parlament Ewropew²⁷ u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁸. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent osservat²⁹ li l-qafas ma għandux indikaturi dwar iż-żamma tal-valur tal-prodott. Mill-2020 'il hawn³⁰, l-aġenzija kienet qed tesplora modi ġodda ta' kif tivvaluta d-disinn, inkluż l-użu ta' indikaturi, taħt l-inizjattiva [Circularity Metrics Lab](#) tagħha. It-tliet Stati Membri li intervistajna ssottolinjaw ukoll l-importanza li jiġu inklużi indikaturi relatati mad-disinn tal-prodott. Fil-fehma tagħhom, il-qafas iffoka fuq l-iskart, u dan irrifletta ekonomija lineari aktar milli ċirkolari.

32 Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-Kummissjoni kienet qed tirrieżamina l-qafas ta' monitoraġġ tagħha għall-ekonomija ċirkolari. Madankollu, l-indikaturi l-ġodda mill-abbozz li ġie ppreżentat lilna matul l-awditu ma jindirizzawx bis-sħiħ id-dgħufijiet li osservajna fir-rigward tad-disinn ċirkolari tal-prodotti. Barra minn hekk, id-DĠ RTD għażel proġett ta' riċerka ffinanzjat taħt Orizzont Ewropa biex jiżviluppa u jittestja indikaturi alternattivi li jkejlu l-progress fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Dan il-proġett, b'finanzjament mill-UE ta' EUR 850 000, huwa mfassal biex jiġbor flimkien il-modi ta' ħsieb l-aktar reċenti fl-istatistika ambjentali biex tiġi ttraċċata ċ-ċirkolarità fil-livelli kollha u jiġu stabbiliti parametri referenzjarji għall-politika, inkluż il-finanzjament. Il-Kummissjoni bdiet tesplora sinerġiji mal-qafas ta' monitoraġġ attwali tagħha.

²⁷ Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura dwar qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari, [B8-0000/2018](#), il-paragrafu 3.

²⁸ L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-qafas ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni għall-ekonomija ċirkolari, [NAT/722-EESC-2018-00464](#), il-paragrafu 3.3.

²⁹ Briefing tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-monitoraġġ tal-ekonomija ċirkolari, [23/2021](#).

³⁰ [“Bellagio Declaration Circular Economy Monitoring Principles”](#), 2020.

Evidenza limitata li l-miżuri ta' abilitazzjoni tas-CEAP 1 kienu effettivi fil-promozzjoni tat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari

33 Il-11-il azzjoni tas-CEAP 1 inklużi fl-ambitu tal-awditjar tagħna kienu jinkludu 6 miżuri ta' abilitazzjoni li jappoġġaw id-disinn ċirkolari (ara l-lista ta' azzjonijiet fl-[Annex II](#)). Il-Kummissjoni ppjanat li:

- tivvaluta l-possibbiltà ta' programm ta' ttestjar indipendenti għall-obsolexxenza ppjanata (l-Azzjoni 5);
- tiżviluppa bażi ta' għarfien imtejba u appoġġ lill-SMEs sabiex jiġu sostitwiti s-sustanzi perikolużi ta' tħassib serju ħafna (l-Azzjoni 6);
- twaqqaf network miftuħ pan-Ewropew ta' infrastrutturi teknoloġiċi għall-SMEs sabiex it-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura jiġu inkorporati fil-proċessi tal-produzzjoni tagħhom (l-Azzjoni 7);
- tiggwida l-ekonomija ċirkolari fl-UE bl-użu ta' dokumenti ta' referenza tal-“aqwa tekniki disponibbli” (BREFs) (l-Azzjoni 8);
- tqis kif jistgħu jittejbu l-effiċjenza u l-użu tal-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) u tal-programm pilota dwar il-Verifika tat-Teknoloġija Ambjentali (ETV) (l-Azzjoni 9); u
- tinvolvi lill-partijiet interessati fl-implementazzjoni tas-CEAP 1 permezz ta' fora eżistenti f'setturi ewlenin (l-Azzjoni 10).

34 Ivvalutajna kull waħda minn dawn il-miżuri, billi għarna r-raba' u l-ħames miżuri flimkien, biex nistabbilixxu jekk kinux skont l-oġettivi tas-CEAP 1 għad-disinn ċirkolari, u jekk wasslux outputs li kkontribwew għat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari.

Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-identifikazzjoni ta' obsolexxenza ppjanata ma kinitx fattibbli

35 L-obsolexxenza ppjanata hija l-prattika li tillimita b'mod artifiċjali l-ħajja utli ta' prodott fl-istadju tad-disinn, sabiex dan isir obsolet wara perjodu predeterminat. Is-sostituzzjoni ta' dawn il-prodotti tuża riżorsi addizzjonali, enerġija, eċċ. L-eliminazzjoni tal-obsolexxenza ppjanata hija b'mod ċar skont l-oġettivi tas-CEAP 1 għad-disinn ċirkolari tal-prodotti. B'rispons għall-interess kontinwu mill-Kunsill u mill-Parlament

Ewropew, il-Kummissjoni stabbiliet għaliha nnifisha data ta' skadenza tal-2018 għall-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' programm ta' ttestjar indipendenti biex tiġi identifikata u miġġielda l-obsolexxenza ppjanata.

36 Fl-2017, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda skema ta' ttestjar *ex post* ma tista' taqbad obsolexxenza intenzjonata tal-prodotti. Minflok, hija ddeċidiet li tiżviluppa skema differenti biex tidentifika obsolexxenza "prematura" aktar milli "ppjanata" (jiġifieri waħda li ma kinitx immirata lejn intenzjoni ħażina min-naħa tal-manifatturi), b'allokazzjoni ta' EUR 5 miljun taħt Orizzont 2020. Minn żewġ proposti, intgħażel proġett wieħed mis-sejħa rilevanti biex titwettaq din l-iskema ta' ttestjar, b'kontribuzzjoni ppjanata mill-UE ta' EUR 5 miljun.

37 Eżaminajna d-dokumentazzjoni tal-proġett u intervistajna lill-benefiċjarju tiegħu. Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-proġett kien għadu għaddej u kellu jiġi kkompletat f'April 2023. Osservajna li l-iskema ta' ttestjar intenzjonata tkun tkopri fatturi tad-disinn ċirkolari tal-prodotti bħad-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, l-adattabbiltà u l-possibbiltà ta' titjib fil-kwalità ta' erba' gruppi ta' prodotti (magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ, magni tal-ħasil tal-platti, smart TVs u mobiles). Madankollu, din ma tkunx tidentifika l-intenzjoni ħażina min-naħa tal-manifatturi, u għaldaqstant ma tkunx tissodisfa l-intenzjoni tal-azzjoni relatata tas-CEAP 1 li "[jitħejja] programm ta' ttestjar indipendenti permezz ta' Orizzont 2020 sabiex [jgħin] biex jinstabu kwistjonijiet relatati mal-obsolexxenza ppjanata possibbli".

Il-livell sa fejn jintuża l-appoġġ għas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi ma kienx ċar

38 L-ammont ta' skart perikoluż li jiġi ġġenerat fl-UE żdied kontinwament mill-2004 'l hawn³¹. Fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi bħal dawn, il-Kummissjoni ffinanzjat żewġ proġetti taħt COSME (b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 346 000) biex twettaq din l-azzjoni tas-CEAP 1 li tappoġġa lill-SMEs. Il-kunċett taż-żewġ proġetti kien skont l-oġettivi tas-CEAP li jitwasslu prodotti aktar sikuri. Huma kellhom l-għan li jiffaċilitaw u jxerrdu l-aħjar prattika dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi billi jtejbju l-"bażi ta' data dwar l-opportunitajiet ta' sħubija", li hija mmaniġġjata min- Network Enterprise Europe tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni identifikat ukoll seba' proġetti individwali oħra ffinanzjati minn LIFE (b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 8.2 miljun) li huma relatati mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi, inklużi tlieta

³¹ Ir-Rapport Analitiku 02/2023: "Azzjonijiet tal-UE biex jiġi indirizzat l-ammont dejjem jiżdied ta' skart perikoluż".

(b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 4.3 miljun) li bdew wara li ġie ppubblikat s-CEAP 1 (ara l-paragrafu 77 u l-Kaxxa 5).

39 Il-benefiċjarji ta' dawn il-proġetti taħt COSME rrappurtaw li r-riżultati tanġibbli kollha kienu nkisbu. Madankollu, fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, ma ksbna l-ebda evidenza li r-rakkomandazzjonijiet tal-proġetti għal kollaborazzjoni aktar mill-qrib kienu ġew implimentati jew kienu wasslu biex l-SMEs jew partijiet ikkonċernati oħra jagħmlu użu akbar mill-bażi ta' *data* biex iwasslu prodotti aktar sikuri.

Il-kontribuzzjoni tal-proġetti li jappoġġaw l-aċċess għal teknoloġiji avvanzati tal-manifattura kien limitat

40 Taħt is-CEAP 1, il-Kummissjoni ppjanat li tappoġġa lill-SMEs biex jaċċessaw teknoloġiji innovattivi. Hija ffinanzjat żewġ proġetti biex twettaq din l-azzjoni tas-CEAP 1, li t-tnejn li huma kienu relatati mal-pjattaformi online u mal-appoġġ għall-SMEs biex itejbu l-proċessi tal-produzzjoni tagħhom. L-ewwel proġett ġie ffinanzjat taħt il-programm Orizzont 2020 (b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 4.9 miljun) u t-tieni proġett permezz ta' kuntratt ta' servizz taħt COSME (b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 2 miljun). Iż-żewġ proġetti ġew ikkompletati kif ippjanat u r-riżultati tanġibbli kollha tagħhom ġew irrappurtati bħala li nkisbu.

41 Iż-żewġ proġetti koprew it-tip ta' teknoloġiji li jappoġġaw l-oġettivi tas-CEAP 1 għad-disinn ċirkolari tal-proċessi tal-produzzjoni. Għalkemm mhumx relatati mad-disinn ċirkolari tal-prodotti, kemm it-teknoloġiji nodfa (taħt l-ewwel proġett) kif ukoll it-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura (taħt it-tieni proġett) indirizzaw aspetti relatati mal-konsum sostenibbli tar-riżorsi u l-minimizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart permezz ta' proċessi tal-produzzjoni.

42 Madankollu, dawn iż-żewġ proġetti koprew biss għadd żgħir ta' SMEs, u l-livell sa fejn is-soluzzjonijiet teknoloġiċi proposti ġew implimentati kien ukoll limitat. Il-proġett taħt Orizzont 2020 appoġġa biss 53 SME, u, fil-proġett taħt COSME, 22 biss mill-102 SMEs li ġew appoġġati inizjalment iddeċidew li jipproċedu għall-fażi finali ta' implimentazzjoni, fejn tnedew 85 biss mit-356 soluzzjoni innovattiva li ġew proposti.

Il-BREFs, l-EMAS u l-ETV kellhom impatt modest fuq is-sostenibbiltà tal-proċessi tal-produzzjoni

43 Il-miżuri ta' abilitazzjoni tas-CEAP 1 kienu jinkludu żewġ azzjonijiet addizzjonali li kienu mmirati lejn iż-żieda tal-effiċjenza fir-riżorsi u t-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart, f'konformità mal-oġġettivi tas-CEAP 1 għad-disinn ċirkolari tal-proċessi tal-produzzjoni. Bħala waħda minn dawn l-azzjonijiet (l-Azzjoni 8 mill-[Annex II](#)), il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża d-dokumenti BREFs biex tippromwovi l-aħjar prattika f'firxa ta' setturi industrijali mill-2016 'il quddiem (ara l-[Kaxxa 2](#)).

Kaxxa 2

Dokumenti ta' referenza tal-“aqwa tekniki disponibbli” (BREFs) u konklużjonijiet

L-iżvilupp tal-BREFs huwa maħsub biex jinsiltu konklużjonijiet dwar “l-aqwa tekniki disponibbli” għall-proċessi industrijali, li l-Kummissjoni mbagħad tippubblika bħala d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha. L-għan tagħhom huwa li jipprevjenu u jikkontrollaw l-emissjonijiet u t-tniġġis industrijali. Dawn il-konklużjonijiet huma legalment vinkolanti u l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom iqisuhom meta jstabbilixxu l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali għal xi installazzjonijiet industrijali u meta joħorġu l-permessi korrispondenti.

Dawn il-BREFs u l-konklużjonijiet kienu diġà ntużaw biex tiġi implimentata d-“Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali” tal-2010³².

44 Madankollu, sibna li matul is-CEAP 1 (mill-2015 sal-2019) il-Kummissjoni inkludiet gwida addizzjonali dwar l-ekonomija ċirkolari fi tmien BREFs biss. Il-15-il BREF l-oħra, li kellhom jiġu rrieżaminati matul dan il-perjodu, ma ġewx aġġornati. Din il-gwida ma kinitx sistematika, billi tnejn biss mit-tmien l-aqwa tekniki disponibbli kienu jinkludu miri kwantitattivi rilevanti.

45 Taħt is-CEAP 2, il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tipprovdi l-bażi legali għal kopertura u analiżi aktar sistematika tal-ekonomija ċirkolari fil-BREFs. Il-Kummissjoni ppreżentat din il-bażi legali permezz tal-proposta tagħha għad-Direttiva l-ġdida dwar l-Emissjonijiet Industrijali³³.

³² Id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali.

³³ Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2010/75 tal-2010 dwar l-emissjonijiet industrijali, [COM\(2022\) 156](#).

46 It-tieni azzjoni ħarset lejn kif jistgħu jittejbu l-effiċjenza u l-użu tal-iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) u tal-programm dwar il-Verifika tat-Teknoloġija Ambjentali (ETV) (l-Azzjoni 9 mill-[Anness II](#)). L-EMAS, li ġiet introdotta fl-1993³⁴, hija skema volontarja ta' ġestjoni ambjentali tal-UE biex l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jevalwaw, jirrappurtaw u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari, hija tippromwovi l-effiċjenza fir-riżorsi. Għalkemm l-iskema ġiet introdotta permezz ta' regolament tal-UE, ir-reġistrazzjoni hija volontarja għall-organizzazzjonijiet.


47 Taħt is-CEAP 1, il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li żżid l-użu tal-EMAS. Madankollu, bejn l-2016 u l-2018, kif ukoll wara l-2020, l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda naqas (ara l-[Figura 8](#)). F'Diċembru 2022, l-għadd ta' siti attivi tal-organizzazzjonijiet irreġistrati fl-EMAS kien ta' 14 000, meta mqabbel mat-23 000 li kienu inizjalment ipproġettati għall-2015³⁵. Għalkemm l-organizzazzjonijiet irreġistrati b'mod ġenerali bbenefikaw mill-EMAS f'termini ambjentali, huma sabuha diffiċli biex inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart u l-konsum tal-materjal tagħhom, li saħansitra żdiedu f'xi każijiet³⁶.

³⁴ Ir-Regolament (KEE) Nru 1836/93 "EMAS", li ġie rivedut bir-Regolament (KE) Nru 761/2001 "EMAS II" u bir-Regolament (KE) 1221/2009 "EMAS III".

³⁵ Il-proposta tal-Kummissjoni għal emenda tar-Regolament dwar l-EMAS, [KUMM\(2008\) 402](#), p. 5.

³⁶ Il-kontroll tal-idoneità mwettaq mill-Kummissjoni fuq ir-Regolament dwar l-EMAS, [SWD\(2017\) 253](#), p. 29, il-paragrafu 7.2.1.

Figura 8 – Reġistrazzjonijiet ġodda fl-EMAS bejn l-2003 u l-2022



Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-reġistru tal-EMAS tal-Kummissjoni.

48 L-ETV huwa l-programm ta' servizz volontarju tal-UE mfassal biex jgħin lit-teknoloġiji ambjentali innovattivi jaċċessaw is-suq. Dan tnieda mill-Kummissjoni fl-2011³⁷, beda jopera fl-2013 u kellu jkompli sal-2016 (aktar tard ġie estiż sal-2017). Huwa ppermetta li l-SMEs jivverifikaw il-prestazzjoni teknika u ambjentali ta' teknoloġiji ġodda li huma żviluppaw, u jiċċertifikawha permezz ta' "dikjarazzjoni ta' verifika".

49 Taħt is-CEAP 1, il-Kummissjoni ppjanat li teżamina l-mod kif tista' ttejjeb l-effiċjenza u l-użu tal-programm pilota ETV. Fl-evalwazzjoni li wettqet fl-2020, il-Kummissjoni identifikat il-possibbiltà li l-iskema tiġi ssimplifikata u li jsir aktar biex din tiġi kkomunikata lis-suq. B'mod ġenerali, inbdew 123 verifika tal-ETV u 47 teknoloġija kisbu dikjarazzjonijiet ta' verifika, inklużi 15-il teknoloġija li kellhom aspetti ta' effiċjenza tal-materjali relatati mal-ekonomija ċirkolari. Ma sibna l-ebda evidenza li xi waħda minn dawn ġiet fil-fatt applikata fil-proċessi tal-produzzjoni. F'Novembru 2022, wara valutazzjoni interna, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tkomplix il-ħidma tagħha fuq il-programm ETV.

³⁷ KUMM(2011) 899, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "L-Innovazzjoni għal Futur sostenibbli – Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni (Eco-AP)".

Il-Kummissjoni kienet involuta mal-partijiet interessati permezz ta' fora eżistenti

50 Biex ikunu involuti mal-partijiet interessati permezz ta' fora eżistenti, il-Kummissjoni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew stabbilew il-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari f'Marzu 2017. Il-pjattaforma kellha l-għan li ttejjeb l-interazzjoni bejn il-partijiet interessati f'termini ta' għarfien, kooperazzjoni, għarfien espert, identifikazzjoni ta' ostakli u promozzjoni ta' djalogu ta' politika dwar is-suġġett tal-ekonomija ċirkolari. L-attivitajiet tagħha kienu jinkludu djalogu ta' politika permezz ta' konferenzi annwali ta' jumejn u s-sit web proprju tagħha b'informazzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari.

51 Il-Kummissjoni organizzat tliet konferenzi annwali (minbarra fl-2021 minħabba l-pandemija tal-COVID-19) u qisithom bħala l-avvenimenti annwali ewlenin tagħha għall-partijiet interessati. Ipparteċipajna fl-avveniment li sar f'Marzu 2022 fi Brussell, u osservajna li dan kien iffukat b'mod ċar fuq il-prodotti sostenibbli, filwaqt li enfasizza l-importanza tad-disinn ċirkolari u l-bidliet leġiżlattivi li jmiss (ara l-paragrafi **07 - 08**). Ladarba jiġu adottati, dawn il-liġijiet imbagħad ikun jeħtieġ li jiġu applikati fl-Istati Membri, b'infurzar u finanzjament immirat tal-UE, biex jinkiseb l-impatt intenzjonat tagħhom. Fir-rigward tas-sit web, i-verifikajna jekk l-informazzjoni dwar il-qafas strateġiku għat-tliet Stati Membri kinitx aġġornata. Dan ma kienx il-każ, anke minħabba li l-Kummissjoni kienet tiddependi fuq il-feedback volontarju mogħti mill-Istati Membri biex tipprovdi din l-informazzjoni.

Il-finanzjament mill-UE kien disponibbli biex jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, iżda ftit li xejn intuża għad-disinn ċirkolari

52 Eżaminajna jekk il-finanzjament mill-UE matul il-perjodu 2014-2020 kienx ġie allokat għal proġetti relatati mad-disinn ċirkolari li setgħu jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Eżaminajna wkoll jekk il-Kummissjoni kinitx i-promwoviet l-użu tal-fondi disponibbli (kemm jekk taħt ġestjoni diretta, kondiviża jew inkella indiretta), u jekk il-proġetti appoġġati kinux rilevanti. Fl-aħħar nett, eżaminajna jekk il-Kummissjoni setgħetx tittraċċa l-finanzjament li jappoġġa proġetti bħal dawn u l-kontribut li dawn il-proġetti taw għall-oġġettivi kumplessivi tas-CEAP 1 u għal dawk relatati mad-disinn ċirkolari.

53 Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart³⁸ tenfasizza li l-“prevenzjoni tal-iskart hija l-iktar mod effiċjenti ta’ kif tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, u ta’ kif jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-iskart”. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu tajjeb mill-investimenti tal-UE billi jipprijoritizzaw il-prevenzjoni (eż., permezz tad-disinn ċirkolari), skont il-ġerarkija tal-iskart tal-UE. Is-CEAP 1 kien jispeċifika li jenħtieġ li l-politika ta’ koeżjoni tiffinanzja proġetti fil-livell lokali u dak reġjonali biex tiġi promossa l-prevenzjoni tal-iskart. Fil-fehma tagħna, jenħtieġ li l-istess prijetà tapplika għall-fondi li huma mmaniġġjati b’mod dirett u indirett mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ppjanat finanzjament sinifikanti mill-UE għall-ekonomija ċirkolari


54 Il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tippromwovi l-użu tal-firxa ta’ finanzjament mill-UE (ara l-paragrafu [12](#)), billi inkludiet azzjonijiet fis-CEAP 1 li huma relatati mas-sensibilizzazzjoni mmirata lejn il-fondi tal-politika ta’ koeżjoni u l-FEIS, u mal-innovazzjoni li qed tavanza permezz ta’ Orizzont 2020 taħt is-suġġett “Industrija 2020” – ara l-Azzjonijiet 11 sa 14 mill-[Anness II](#).

55 Skont ir-rapport tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tas-CEAP 1³⁹, l-UE ppjanat finanzjament ta’ aktar minn EUR 10 biljun għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari (biex tinvesti fl-innovazzjoni u tappoġġa l-adattament tal-bażi industrijali) fil-perjodu ta’ bejn l-2016 u l-2020. Il-biċċa l-kbira minn dan il-finanzjament ġie pprovdut permezz tal-fondi tal-politika ta’ koeżjoni (il-FEŻR u l-Fond ta’ Koeżjoni – ara l-[Figura 9](#) u l-[Figura 10](#)). B’mod ġenerali, il-Fond ta’ Koeżjoni ffinanzja proġetti ambjentali relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija, prinċipalment infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart, filwaqt li l-FEŻR appoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni u l-proċessi tal-produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Għalhekk, iffukajna l-analiżi tagħna fuq il-FEŻR.

³⁸ Id-Direttiva Nru [2018/851](#) dwar l-iskart; u d-Direttiva Nru [2018/852](#) dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ.

³⁹ [COM\(2019\) 190](#), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-CEAP 1.

Figura 9 – Finanzjament mill-UE ppjanat għall-ekonomija ċirkolari sal-2020



Sors: il-QEA, ibbażat fuq ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2019 dwar l-Implimentazzjoni tas-CEAP 1.

Użu limitat tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għal proġetti relatati mad-disinn ċirkolari

56 Is-CEAP 1 enfażizza l-importanza tal-opportunitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għall-ekonomija ċirkolari taħt il-politika ta' koeżjoni u ppjana li jgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex iżidu l-użu tal-fondi tal-UE (l-Azzjoni 11 mill-[Annex II](#)).

57 Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma taħt ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Dawn huma rregolati mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK). Adottat fl-2013, ir-RDK għall-perjodu 2014-2020⁴⁰ ma kienx isemmi speċifikament l-ekonomija ċirkolari. Madankollu, fil-qafas tar-Regolament dwar il-FEŻR⁴¹, tnejn mill-prijoritajiet tiegħu kienu partikolarment rilevanti għall-investimenti li jgħinu fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari: 1.b "il-promozzjoni tal-investiment fl-iżvilupp tal-prodotti u s-servizzi" u 6.g "tkun appoġġata t-tranżizzjoni industrijali lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, il-promozzjoni tat-tkabbir ekoloġiku, il-ġestjoni tal-ekoinnovazzjoni u tal-prestazzjoni ambjentali fis-setturi pubbliċi u privati".


⁴⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-FEŻR, il-FSE, il-FK, il-FAEŻR u l-FEMS.

⁴¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

58 Madankollu, il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni preċiża dwar is-sehem tal-infiq taħt dawn iż-żewġ prioritajiet ta' investment (jew oħrajn) allokat li għall-investimenti għal skopijiet ta' ekonomija ċirkolari (jew saħansitra l-fażijiet speċifiċi), billi r-regolamenti ma kinux jirrikjedu li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni finanzjarja dwar l-allokazzjonijiet għal dawn il-prioritajiet ta' investment. Ma hemm l-ebda kategorija speċifika ta' azzjoni ("qasam ta' intervent") relatata ma' dan. B'riżultat ta' dan, lanqas ma għandha mezz biex tivvaluta jekk kienx hemm xi żieda fl-infiq ippjanat taħt il-FEŻR fuq l-ekonomija ċirkolari b'riżultat tal-azzjoni tas-CEAP 1.

59 Skont ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tas-CEAP 1, 75 % tas-EUR 7.1 biljun ippjanati bħala nfiq taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni fuq l-ekonomija ċirkolari kienu relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart. Analizzajna l-erba' oqsma ta' intervent li ntużaw mill-Kummissjoni fir-rapport ta' implimentazzjoni tagħha biex tidentifika miżuri rilevanti għall-ekonomija ċirkolari. Din l-analiżi wriet li l-infiq ippjanat mill-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020 naqas wara s-CEAP 1 b'19 %, bi tnaqqis ta' EUR 1.5 biljun bejn l-2016 u l-2021 (ara l-[Figura 10](#)).

Figura 10 – Aġġornament annwali tal-infiq taħt il-politika ta' koeżjoni ippjanat għall-perjodu 2014-2020 fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari¹



¹ Is-sena li fiha beda l-aġġornament annwali hija l-2016 – l-ewwel sena wara l-pubblikazzjoni tas-CEAP 1 u skont l-informazzjoni dwar l-investimenti li ġiet ippreżentata fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tas-CEAP 1.

Sors: analiżi mill-QEA tal-ippjanar tal-Istati Membri, ibbażata fuq [id-data](#) pprovduta mill-Kummissjoni.

60 FI-2018⁴², il-Parlament Ewropew stieden lill-Istati Membri biex jintegraw aħjar l-ekonomija ċirkolari fil-programmi operazzjonali tagħhom u ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tgħinhom f'dak ir-rigward. Matul l-awditu li wettaqna, il-Kummissjoni kkonfermatilna li kienet ikkomunikat il-possibbiltà li tuża l-fondi tal-politika ta' koeżjoni b'dan il-mod, iżda li ma ppromwovitx speċifikament l-inklużjoni ta' tali investimenti fil-programmi tal-Istati Membri. Dan ġie rikonoxxut ukoll mill-awtoritajiet manigierjali fit-tliet Stati Membri li eżaminajna. Il-programmi operazzjonali tagħhom ġew adottati qabel il-pubblikazzjoni tas-CEAP 1, u b'xi eċċezzjonijiet fin-Netherlands, li ma kinux jinkludu sejħiet relatati direttament mal-ekonomija ċirkolari.

61 F'dan l-isfond, ma stajniex nidentifikaw faċilment il-proġetti ffinanzjati mill-FEŻR relatati mad-disinn ċirkolari. Fit-tliet Stati Membri li eżaminajna f'aktar dettall, flimkien mal-awtoritajiet manigierjali, identifikajna aktar minn 1 000 proġett, taħt 10 programmi operazzjonali, relatati mal-ekonomija ċirkolari. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-proġetti ma kinux jaqgħu taħt l-erba' oqsma ta' intervent użati mill-Kummissjoni biex timmonitorja l-infiq fuq l-ekonomija ċirkolari (ara l-paragrafu 59). FI-2021, il-kontribuzzjoni totali taħt il-FEŻR (EUR 27 miljun) li ġiet allokata fiż-żmien meta wettaqna l-awditu lil dawk il-proġetti li identifikajna fit-tliet Stati Membri magħżula, kienet sostanzjalment (madwar 38 %) aktar baxxa mill-kontribuzzjoni ppjanata mill-UE (EUR 71 miljun) għal dawn il-programmi operazzjonali identifikati mill-Kummissjoni (bl-użu tal-istess erba' oqsma ta' intervent).

62 Sibna wkoll li la l-Kummissjoni u lanqas l-awtoritajiet fl-Istati Membri magħżula ma kellhom informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni li saret minn dawn l-1 000+ proġett għall-oġettivi tas-CEAP 1. L-analiżi li wettaqna ta' dawn il-proġetti wriet li 206 minnhom kienu relatati ma' investimenti fid-disinn ċirkolari, b'kontribuzzjoni ppjanata taħt il-FEŻR ta' EUR 130 miljun. Analizzajna 5 minn dawn il-206 proġetti (2 fil-Polonja, 2 fin-Netherlands u 1 fl-Irlanda): 1 biss kien jikkonċerna d-disinn ċirkolari tal-prodotti. Madankollu, dan il-proġett ma tkompliex u l-erbġħa l-oħra fl-aħħar mill-aħħar ma wettqux il-potenzjal tagħhom li jikkontribwixxu għall-ekonomija ċirkolari (ara l-Kaxxa 3).

⁴² Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-politika ta' koeżjoni u l-ekonomija ċirkolari, P8_TA(2018)0254, il-paragrafi 1 u 33.

Kaxxa 3

Proġetti tal-ekonomija ċirkolari li eżaminajna fl-Istati Membri

Fil-Polonja, l-ewwel proġett li eżaminajna kien jinvolvi l-bini ta' sistema modulari ta' appartamenti minn kontenituri li jintużaw għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar – tip ġdid ta' prodott tad-disinn ċirkolari. Il-FEŻR appoġġa lill-benefiċjarju fil-preparazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għall-finanzjament biex jimplimenta l-idea tiegħu taħt sejħa ta' Orizzont 2020. Din l-applikazzjoni ma rnexxietx u l-proġett ma tkomplexx. It-tieni proġett kien jinvolvi t-tnedija ta' proċess u prodott ġdid tal-produzzjoni tal-massa, u soluzzjoni għall-użu mill-ġdid tal-iskart tal-manifattura. Madankollu, sibna li l-benefiċjarju issa kien fil-fatt qed jiġġenera aktar skart tal-plastik minħabba l-kapaċità miżjuda tal-linja l-ġdida, u kien qed ikompli jibgħat skart għall-inċinerazzjoni.

Fin-Netherlands, l-ewwel proġett li eżaminajna kien jinvolvi l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ċirkolari fis-settur tal-kostruzzjoni bl-użu ta' materja prima rinnovabbli, it-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tas-settur u billi jsir awtosuffiċjenti fl-enerġija. Madankollu, il-proġett ma tkomplexx minħabba oġġezzjonijiet ambjentali għall-permess tal-kostruzzjoni. It-tieni proġett kien jinvolvi l-iżvilupp ta' teknoloġija innovattiva u l-linja ta' produzzjoni relatata għar-riċiklaġġ ta' tajers qodma f'iswed tal-karbonju ta' kwalità għolja (forma prattikament pura ta' karbonju li normalment jiġi prodott mill-kombustjoni inkompleta ta' fjuwils fossili) u f'enerġija, bi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u fit-tniġġis. Il-proġett iffaċċja diversi problemi matul l-implimentazzjoni, inkluż nar fl-impjant u, fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-kostruzzjoni tal-impjant il-ġdid ġiet sospiża.

Il-proġett li eżaminajna fl-Irlanda kien jappoġġa riċerka kollaborattiva bejn kumpaniji u akkademiċi dwar proġetti innovattivi, inkluż permezz ta' investiment fl-ekoinnovazzjoni. Il-proġett wassal ir-riżultati ppjanati tiegħu – l-ittestjar u l-prova ta' materja prima riċiklata. Madankollu, l-oġġettivi tal-proġett kienu limitati għall-privattivi tat-teknoloġija l-ġdida u ma kinux jestendu għall-kummerċjalizzazzjoni jew it-tixrid tar-riżultati tal-istudju.

63 Fis-CEAP 2, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tkun tiżgura li r-reġjuni kollha jkunu jibbenefikaw mit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari billi toffrilhom appoġġ biex jimplimentaw l-istrategġiji u l-proġetti tagħhom, permezz tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta l-ġdid u inizjattivi urbani (l-Azzjoni 19 mill-[Anness II](#)). Ir-RDK għall-perjodu 2021-2027⁴³ jistabbilixxi ħames oġġettivi ta' politika, li l-ewwel tnejn minnhom jirreferu wkoll għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, hemm oġġettivi speċifiċi għal kull fond: il-FEŻR u l-Fond ta'

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-Anness I.

Koeżżjoni jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari taħt żewġ objettivi speċifiċi. Madankollu, l-indikaturi ta' monitoraġġ u l-kundizzjonijiet abilitanti għall-perjodu 2021-2027, kif stabbilit fir-RDK u fil-leġiżlazzjoni ta' sostenn, huma limitati għall-ġbir u l-ipproċessar tal-iskart; is-sistema ta' monitoraġġ ma tipprovdi l-ebda informazzjoni speċifika dwar id-disinn ċirkolari u lanqas ma tirrikjedi li l-finanzjament tal-politika ta' koeżżjoni jkun immirat lejn l-investimenti rilevanti⁴⁴.

64 Fil-Polonja, l-erba' awtoritajiet maniġerjali kollha li intervistajna kkonfermaw li l-abbozzi tagħhom tal-programmi ta' wara l-2020 kien fihom azzjonijiet relatati mal-ekonomija ċirkolari, inklużi azzjonijiet speċifiċi relatati mal-ekodisinn u l-effiċjenza fir-riżorsi. Fin-Netherlands, tnejn mill-erba' awtoritajiet maniġerjali li intervistajna ddikjaraw li kienu qed jallokaw finanzjament mill-UE għall-azzjonijiet relatati mal-ekonomija ċirkolari, għalkemm mhux speċifikament għall-istadji tad-disinn u tal-produzzjoni. Fl-Irlanda, iż-żewġ awtoritajiet maniġerjali li intervistajna ddikjaraw li, fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, ma kinux qed jippjanaw li jinkludu azzjonijiet relatati mal-ekonomija ċirkolari fil-programmi tagħhom. L-informazzjoni dwar l-ammont speċifiku allokati għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari għadha mhix disponibbli, billi n-negozjati ta' programmazzjoni għall-fondi tal-politika ta' koeżżjoni għall-perjodu 2021-2027 kienu għadhom għaddejjin fiż-żmien meta wettaqna l-awditu.

65 Il-Kummissjoni kkonfermatilna wkoll li kienet ħeġġet lill-Istati Membri biex jużaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) sabiex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari meta jkunu qed jinneogjaw l-NRRPs. L-analiżi li wettaqna tal-NRRPs tat-tliet Stati Membri koperti mill-awditu tagħna wriet li l-Polonja u n-Netherlands kienu inkludew miżuri biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, filwaqt li l-Irlanda ma kinitx, u l-ebda wieħed mit-tliet NRRPs ma kien jinkludi appoġġ għad-disinn ċirkolari.

Il-Kummissjoni mmobilizzat il-finanzjament taħt Orizzont 2020 għall-ekonomija ċirkolari, iżda b'impatt limitat fl-Istati Membri

66 Orizzont 2020 kien il-programm ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-perjodu 2014-2020, b'baġit ta' kważi EUR 80 biljun. L-Azzjoni 13 fis-CEAP 1 kienet identifikat lil Orizzont 2020 bħala sors potenzjali ta' finanzjament għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, skont il-fokus tiegħu fuq l-innovazzjoni.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 dwar il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżżjoni, l-Anness I. Ir-Regolament (UE) 2021/1060 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-fondi tal-politika ta' koeżżjoni, l-Anness I.

67 Il-programm ta' ħidma ta' Orizzont 2020 għall-perjodu 2016-2017 kien jinkludi l-qasam ta' prijorità "Industrija 2020 u l-ekonomija ċirkolari", il-kontinwazzjoni ta' inizjattiva preċedenti relatata mal-iskart. B'segwitu għas-CEAP 1, il-Kummissjoni allokat aktar minn EUR 650 miljun taħt din l-inizjattiva għall-perjodu 2016-2017 għall-"proġetti ta' dimostrazzjoni innovattivi" li appoġġaw l-oġettivi tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari u l-kompetittività industrijali. L-inizjattiva tfasslet biex tkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet industrijali u attivitajiet ta' servizz, kif ukoll approċċ pilota biex jgħin lill-innovaturi li jiffaċċjaw ostakli regulatorji.

68 Sibna li, fil-prattika, inqas minn nofs l-investment totali taħt Orizzont 2020 f'dan il-qasam ta' prijorità kien mitlub għal proġetti relatati mal-ekonomija ċirkolari: EUR 327 miljun fuq 54 proġett (ara l-**Kaxxa 4** għal eżempju ta' wieħed minn dawn il-proġetti) minn total ta' EUR 704 miljun fuq 127 proġett. Is-sejħiet sottostanti kienu jinkludu suġġetti oħra minbarra l-ekonomija ċirkolari. Skont l-istudju li sar mill-Kummissjoni dwar it-tagħlimiet meħuda minn Orizzont 2020⁴⁵, dan illimita l-viżibbiltà kumplessiva tal-proġetti tal-ekonomija ċirkolari li ġew iffinanzjati f'dan il-qasam ta' prijorità kif ukoll affettwa s-sinerġiji ma' partijiet oħra tal-programm.

⁴⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, Bening, J., Bergmans, J., Bieszczad, S., *et al.*, *Opportunities and challenges in targeted funding of Research and Innovation: lessons learnt from the Horizon 2020: focus areas and implications for Horizon Europe missions*, 2021.

Kaxxa 4

Proġett taħt Orizzont 2020 dwar mudell tal-ekonomija ċirkolari għal prodotti fis-setturi tal-karozzi, tal-għamara u tal-bini

Proġett wieħed taħt Orizzont 2020 li eżaminajna kien jiffoka fuq il-proċessi għal prodotti ekodisinjati, b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 9.6 miljun. L-oġġettiv kumplessiv kien li jinkiseb użu mill-ġdid, titjib, rinnovazzjoni u riċiklaġġ akbar tal-prodotti, tal-partijiet u tal-materjali, sabiex tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi u jitnaqqas l-iskart.

Il-proġett ġie kkompletat f'Novembru 2021. Il-Kummissjoni qieset li l-proġett laħaq il-biċċa l-kbira mill-oġġettivi tiegħu, billi żviluppa prodotti ġodda minn taħlita ta' materjali tal-iskart u firxa wiesgħa ta' prototipi. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li l-ħidma li twettqet kellha impatt fuq l-SMEs, billi tkun tippermettilhom jidħlu fis-swieq, mingħajr riskji finanzjarji, b'innovazzjonijiet li ma kinux possibbli qabel.

Madankollu, inqisu li l-biċċa l-kbira mill-eżiti mistennija ma nkisbux. Ma kien hemm l-ebda evidenza li l-proġett laħaq il-livell ippjanat tiegħu ta' rkupru ta' materjal (80 %); ma hemm l-ebda kalkolu dirett tal-proporzjon ta' partijiet li fl-aħħar mill-aħħar intużaw mill-ġdid (il-mira kienet ta' 65 %); u t-tnaqqis ta' 60 % fl-iskart residwu ma setax jiġi vverifikat minħabba n-nuqqas ta' *data* tal-linja bażi.

Il-proġett intemm bl-installazzjoni ta' prototipi, iżda l-implimentazzjoni fuq skala kbira ppjanata ma mmaterjalizzatx, la fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u lanqas fl-aċċettazzjoni ta' prototipi u materjali fuq skala kbira mill-klijenti finali. L-eżerċizzju tat-tagħlimiet meħuda li sar mill-Kummissjoni enfasizza wkoll in-nuqqas ta' użu bħala problema ewlenija li għandha tiġi indirizzata fil-programm Orizzont Ewropa ta' wara l-2020.

69 Fil-programm ta' ħidma għall-perjodu 2018-2020, il-Kummissjoni introduċiet qasam ta' prijorità ġdid iddedikat għall-ekonomija ċirkolari: "Il-konnessjoni bejn il-kisbiet ekonomiċi u ambjentali – l-Ekonomija Ċirkolari". Dan il-qasam ta' prijorità kellu baġit addizzjonali delimitat ta' EUR 941 miljun, li sussegwentement żdied għal EUR 994 miljun.

70 Sibna li n-nuqqas ta' monitoraġġ sistematiku tal-finanzjament taħt Orizzont 2020 u tal-kontribuzzjoni tal-proġetti għat-tranżizzjoni ċirkolari għamluha diffiċli biex tiġi vvalutata l-effettività tagħhom. Wara eżerċizzju ta' darba b'rabta mal-awditu tagħna, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni indikattiva dwar kemm mill-finanzjament taħt Orizzont 2020 seta' jiġi attribwit għall-ekonomija ċirkolari (ara l-paragrafi **68** - **69**), mingħajr ma speċifikat kemm minnu kien relatat mad-disinn ċirkolari. L-analiżi li

wettaqna ta' dawn il-proġetti relatati mal-ekonomija ċirkolari wriet li madwar 50 % tal-finanzjament taħt Orizzont 2020 ikkontribwixxa għad-disinn ċirkolari.

71 Ir-rapport ta' evalwazzjoni *interim*⁴⁶ tal-Kummissjoni tal-2017 ipprova biss il-konklużjoni preliminari tagħha dwar il-progress kumplessiv ta' Orizzont 2020 lejn l-ilħuq tal-oġettiv ġenerali tiegħu, inkluża l-effiċjenza fir-riżorsi. Il-proġetti li ġew ikkompletati fiż-żmien meta saret din l-evalwazzjoni kienu jirrappreżentaw biss 0.6 % tal-finanzjament allokat għall-ewwel tliet snin tal-programm. Ir-rapport ta' implimentazzjoni finali kien għadu ma ġiex ippubblikat fiż-żmien meta wettaqna l-awditu.


72 Is-suċċessur ta' Orizzont 2020 għall-perjodu 2021-2027 huwa Orizzont Ewropa b'baġit ta' EUR 95.5 biljun. L-ekonomija ċirkolari tissemma, b'mod dirett jew indirett, f'erbgħa mis-sitt temi jew "raggruppamenti" ta' Orizzont Ewropa (ir-Raggruppament 1 "Saħħa", ir-Raggruppament 4 "Diġitali, Industrijia u Spazju", ir-Raggruppament 5 "Klima, Enerġija u Mobbiltà", u r-Raggruppament 6 "Ikel, Bijoeconomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent"). Id-disinn ċirkolari huwa prinċipalment kopert mir-Raggruppament 4, b'impatti mistennija li jinkludu prodotti u servizzi ekodisinjati, u materjali u teknoloġiji avvanzati sostenibbli skont id-disinn.

73 Fil-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2022, sibna li madwar 25 % (EUR 900 miljun) tal-baġit finali għar-Raggruppament 4 u madwar 14 % (EUR 315-il miljun) tal-baġit finali għar-Raggruppament 6 jikkontribwixxu għall-ekonomija ċirkolari. Għalhekk, dan il-programm ta' ħidma ta' sentejn jipprovdi investiment fl-ekonomija ċirkolari (EUR 1 215-il miljun) kważi daqs il-programm kollu kemm hu ta' Orizzont 2020 (EUR 1 332 miljun).

74 Il-Kummissjoni tatna lista ta' sejħiet speċifiċi minn dawn iż-żewġ raggruppamenti li kienu jinkludu aspetti relatati mad-disinn ċirkolari (iżda ma kinux iddedikati speċifikament għad-disinn ċirkolari). Dawn is-sejħiet kienu jirrappreżentaw biss 3.1 % tal-baġit ikkombinat taż-żewġ raggruppamenti taħt il-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2022 (ara l-[Figura 11](#)).

⁴⁶ "Interim Evaluation of Horizon 2020", [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni](#), 2017.

Figura 11 – Programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2022



Sors: il-QEA, ibbażat fuq data pprovduta mill-Kummissjoni.

75 Il-pjan strateġiku ta' Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2024⁴⁷ jirreferi għall-kwistjoni tal-implimentazzjoni fuq skala kbira tas-soluzzjonijiet ta' riċerka ffinanzjati mill-UE, enfasizzata fil-**Kaxxa 4**. Madankollu, is-soluzzjonijiet relatati mad-disinn ċirkolari tal-prodotti ħafna drabi jista' jkun li jkunu jirrikjedu żvilupp ulterjuri minħabba l-immaturità relattiva tagħhom u l-investiment addizzjonali meħtieġ qabel ma jkunu jistgħu jintużaw min-negozji. Jista' jkun li s-soluzzjonijiet jiġu affettwati wkoll mil-limitazzjonijiet fis-sinerġiji downstream bejn il-programmi ta' Orizzont 2020 u tal-politika ta' Koeżjoni li osservajna fl-awditu reċenti tagħna (ara l-paragrafu **20**).

⁴⁷ "Horizon Europe Strategic Plan (2021 – 2024)", il-Kummissjoni, 2021.

LIFE ffinanzja proġetti tal-ekonomija ċirkolari, iżda s-sehem tagħhom relatat mad-disinn ċirkolari mhuwiex magħruf

76 Il-programm LIFE huwa l-istrument ta' finanzjament tal-UE għall-azzjoni ambjentali u klimatika, b'baġit ippjanat inizjali ta' EUR 3.4 biljun. Bl-eċċezzjoni tal-azzjoni relatata ma' sustanzi perikolużi (ara l-paragrafi **38 - 39**), is-CEAP 1 ma kien jinkludi l-ebda azzjoni speċifika ddedikata għall-investiment LIFE fil-proġetti tal-ekonomija ċirkolari. Skont ir-rapport tal-2019 tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tas-CEAP 1, bejn l-2016 u l-2020, LIFE investa mill-inqas EUR 100 miljun f'aktar minn 80 proġett li jikkontribwixxu għall-ekonomija ċirkolari.

77 Għall-perjodu 2014-2020, identifikajna żewġ subprogrammi ta' LIFE u 249 proġett relatati mal-ekonomija ċirkolari b'finanzjament li jammonta għal EUR 421 miljun – 12 % tal-allokazzjoni totali taħt LIFE għal dak il-perjodu. Is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' LIFE ma tirrikjedix li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar kemm minn dawn il-proġetti kienu relatati mal-istadju tad-disinn ċirkolari.

78 Eżaminajna wieħed minn dawn il-249 proġett, li huwa relatat mas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi b'finanzjament ta' EUR 1.4 miljun taħt il-programm ta' ħidma ta' LIFE għall-perjodu 2014-2017. Filwaqt li l-proġett ma rriżultax b'mod ċar fil-konsum imnaqqas ta' riżorsi, huwa appoġġa l-oġettivi tas-CEAP 1 dwar prodotti aktar sikuri, li huwa promoss ukoll mis-CEAP 2 (ara l-**Kaxxa 5**).

Kaxxa 5

Proġett taħt LIFE biex jiġi sostitwit materjal perikoluż fiż-żebgħa

Il-proġett jinvolti riċerka u żvilupp f'16-il formulazzjoni ġdida taż-żebgħa, li fihom is-sustanzi tossiċi jiġu sostitwiti b'tafal organiku naturali. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' pjattaforma online li fuqha l-professjonisti (inklużi l-SMEs) u l-pubbliku jistgħu jiksibu l-formulazzjonijiet taż-żebgħa l-ġodda u jużawhom b'xejn għall-ewwel sena.

Osservajna li dan il-proġett ma kellux indikaturi tal-prestazzjoni dwar l-effiċjenza fir-riżorsi. Peress li l-piż tal-materjal rinnovabbli użat se jkun tliet darbiet aktar minn dak tal-bijoċidu tossiku li jkun qed jiġi sostitwit, f'dan il-każ it-twassil ta' prodott aktar sikur ma jkunx jikkontribwixxi għal tnaqqis tar-riżorsi mkejla skont il-piż tal-materja prima użata.

79 Kif kien il-każ ukoll b’Orizzont 2020, sibna li n-nuqqas ta’ monitoraġġ sistematiku tal-finanzjament taħt LIFE u tal-kontribuzzjoni tal-proġetti għall-ekonomija ċirkolari għamilha diffiċli biex tiġi vvalutata l-effettività tagħhom fil-kontribut għall-oġettivi tas-CEAP għad-disinn ċirkolari (ara l-paragrafu 77 dwar in-nuqqas ta’ informazzjoni mill-Kummissjoni dwar proġetti relatati mal-disinn ċirkolari). Pereżempju, is-sejħa għall-proposti li taħtha ntgħażel il-proġett deskritt fil-*Kaxxa 5* għamlet referenza għall-indikatur “konsum imnaqqas tar-riżorsi minbarra l-enerġija”, li huwa rilevanti b’mod ċar għall-oġettivi tas-CEAP 1. Madankollu, dan l-indikatur ma ntużax għal dan il-proġett speċifiku u ġie abbandunat matul l-implimentazzjoni tas-sejħa. Il-Kummissjoni ssostitwiet b’żewġ indikaturi oħra, “preparazzjoni għal użu mill-ġdid” u “riċiklaġġ”, li huma inqas rilevanti għall-effiċjenza fir-riżorsi.

80 Il-programm LIFE għall-perjodu 2021-2027 huwa maħsub biex jikkomplementa l-finanzjament pubbliku u privat għall-innovazzjoni għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Is-subprogramm tiegħu għall-“Economija Ċirkolari u l-Kwalità tal-Ħajja”, li speċifikament iżda mhux esklużivament jiffinanzja proġetti dwar l-ekonomija ċirkolari, għandu baġit kumplessiv ta’ EUR 1 345 miljun, li minnhom EUR 700 miljun ġew allokati għall-perjodu sal-2024. Il-programm ta’ ħidma ta’ LIFE⁴⁸ għall-perjodu 2021-2024 jipprovdi dettalji ulterjuri dwar proġetti li għandhom jiġu appoġġati taħt dan is-subprogramm, filwaqt li jiffoka fuq dawk li huma sikuri u sostenibbli skont id-disinn, fuq il-produzzjoni u l-konsum ċirkolari u sostenibbli kif ukoll fuq l-azzjonijiet biex jiżdiedu t-tiswija, l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta’ materjali u prodotti.

81 Sibna li s-suġġetti ta’ prijorità għall-2021 u l-2022, u s-sejħiet relatati taħt dan is-subprogramm kienu jinkludu investimenti relatati mad-disinn ċirkolari (jiġifieri l-implimentazzjoni ta’ soluzzjonijiet ta’ “disinn għall-ambjent”, inkluż id-disinn ċirkolari, biex tittejjeb id-durabbiltà, il-possibbiltà ta’ tiswija, l-użu mill-ġdid, il-possibbiltà ta’ titjib fil-kwalità, ir-riċiklaġġ u l-użu ta’ kontenut riċiklat fi prodotti ġodda).

⁴⁸ Id-Deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-programm ta’ ħidma pluriennali għas-snin 2021-2024 għall-programm LIFE, C(2021) 4997.

COSME pprovda ftit li xejn appoġġ għall-oġġettivi tad-disinn ċirkolari

82 COSME huwa l-programm tal-UE għall-kompetittività tal-SMEs għall-perjodu 2014-2020, b'baġit ta' EUR 2.3 biljun. Wieħed mill-oġġettivi ġenerali tiegħu, li jsaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-SMEs, kien jinkludi appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Il-mira għall-indikatur tal-impatt korrispondenti kienet li jiżdied il-proporzjon tal-SMEs li jipproduċu prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent (ekodisinjati) u li jużaw inqas riżorsi⁴⁹.

83 Skont ir-rapport tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tas-CEAP 1, il-Kummissjoni ma allokatx finanzjament taħt COSME għall-miżuri relatati mal-ekonomija ċirkolari u/jew mad-disinn ċirkolari. Madankollu, matul l-awditu li wettaqna, il-Kummissjoni identifikat tliet proġetti taħt COSME li kienu rilevanti għaż-żewġ miżuri ta' abilitazzjoni tas-CEAP 1 (b'kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 2.4 miljun – ara l-paragrafi **38 - 42**).

84 Ir-rapport ta' evalwazzjoni *interim*⁵⁰ tal-2017 ta' COSME ma indirizzax jekk il-programm kienx qed jgħin biex jiżdied l-għadd tal-SMEs li jipproduċu prodotti ekodisinjati; lanqas it-taqsimha tar-rapport dwar l-allinjament ma' inizjattivi oħra tal-UE ma kienet tirreferi għas-CEAP 1. It-taqsimha "Prospettiva" tiegħu, dwar it-titjib potenzjali, issuġġeriet li l-programm isir aktar responsiv għall-oġġettivi tal-UE dwar it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, pereżempju permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari.

85 Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, ir-rapport ta' implimentazzjoni finali tal-programm COSME għall-perjodu 2014-2020 kien għadu mhux disponibbli. Għall-perjodu 2021-2027, il-partijiet ta' COSME relatati mal-kompetittività u l-intraprenditorija ġew integrati fil-Programm tas-Suq Uniku, b'allokazzjoni baġitarja totali ta' EUR 1 000 000 000 (meta mqabbla mal-EUR 920 miljun taħt COSME) bħala parti minn inizjattiva usa' biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-UE. Ir-Regolament dwar il-Programm tas-Suq Uniku⁵¹ jinkludi referenzi għall-ekonomija ċirkolari u l-ekodisinn fil-lista tiegħu ta' azzjonijiet eliġibbli.

⁴⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 dwar il-programm COSME, l-Artikolu 3.

⁵⁰ "Interim Evaluation of the COSME Programme, Final Report", il-Kummissjoni, 2017.

⁵¹ Ir-Regolament (UE) 2021/690 li jistabbilixxi l-Programm tas-Suq Uniku.

L-appoġġ mill-FEIS għad-disinn ċirkolari kien limitat mid-domanda tas-suq

86 Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) tnieda fl-2015. Huwa kien inizjattiva konġunta mill-Kummissjoni u mill-BEI bl-għan li jiġi sfruttat investiment ta' EUR 315-il biljun billi jiġu indirizzati l-lakuni fis-suq u jiġi mmobilizzat il-kapital privat. Il-fond ipprova appoġġ finanzjarju ripagabbli (fil-forma ta' self, garanziji u investimenti fl-ekwità) għal proġetti ekonomikament vijabbli f'setturi ewlenin, inkluż għal dawk il-proġetti bi profil ta' riskju ogħla minn attivitajiet ordinarji tal-BEI.

87 Taħt is-CEAP 1, flimkien mal-BEI u ċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investment (EIAH), il-Kummissjoni wettqet attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex tneġġeġ l-applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-FEIS, u tappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti u pjattaformi ta' investiment li jkunu rilevanti għall-ekonomija ċirkolari (l-Azzjoni 14 fl-[Anness II](#)). Skont ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tas-CEAP 1, ġie ppjanat finanzjament ta' EUR 2.1 biljun permezz tal-FEIS u l-InnovFin bejn l-2016 u l-2020 biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

88 Għalkemm ir-Regolament dwar il-FEIS⁵² kien jinkludi l-possibbiltà li jiġu appoġġati proġetti relatati mal-ekonomija ċirkolari (inkluż id-disinn ċirkolari), ma kien jinkludi l-ebda kriterju speċifiku għall-ekonomija ċirkolari li seta' jintuża biex l-għażla ta' proġetti relatati mad-disinn ċirkolari tingħata prijorità. Madankollu, bejn l-2016 u l-2019, il-Kummissjoni u l-BEI organizzaw sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma dwar is-suġġett tal-investimenti ekoloġiċi (inkluż dwar l-effiċjenza fir-riżorsi), li kienu rilevanti għall-oġġettivi tas-CEAP 1. Bħala parti mill-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati, l-EIAH nieda s-Circular City Centre⁵³, flimkien ma' Gwida dwar il-Finanzjament, bl-għan li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari u jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' proġetti dwar l-ekonomija ċirkolari.

⁵² Ir-Regolament (UE) 2015/1017 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investment, li ġie emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396.

⁵³ <https://advisory.eib.org/about/circular-city-centre.htm>.

89 Il-Kummissjoni ma kinitx tirrikjedi li l-BEI jimmonitorja jew jirrapporta speċifikament dwar l-użu tal-finanzjament mill-FEIS għall-ekonomija ċirkolari. L-analiżi li wettaqna sabet li, mis-675 proġett taħt il-FEIS li ġew iffirmati sa Ġunju 2022 għal total ta' EUR 60 biljun, 29 proġett, b'finanzjament mill-FEIS li jammonta għal EUR 1.9 biljun (3.1 %), kienu relatati mal-ekonomija ċirkolari. Minn dawn id-29 proġett, b'finanzjament totali ta' EUR 113-il miljun, 3 biss kienu relatati mal-ekodisinn. Il-BEI attribwixxa l-għadd limitat ta' proġetti fid-disinn ċirkolari għan-natura tal-FEIS li hija xprunata mid-domanda. La l-BEI u lanqas il-Kummissjoni ma kellhom xi informazzjoni dwar il-mod kif dawn il-proġetti kkontribwew għall-oġġettivi tas-CEAP 1 dwar id-disinn ċirkolari.

90 Eżaminajna wieħed minn dawn it-tliet proġetti, li kien jippromwovi użu lokali ogħla ta' skart tal-karti u ta' materjali rinnovabbli tal-imballaġġ, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart⁵⁴. Ikkonkludejna li għalkemm dan il-proġett ma kienx relatat mad-disinn ċirkolari ta' prodott partikolari, kien jikkontribwixxi għall-oġġettivi tas-CEAP 1 dwar il-proċessi tal-produzzjoni effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.

91 Għall-perjodu 2021-2027, il-FEIS ġie segwit mill-programm InvestEU il-ġdid, li s-CEAP 2 isemmi bħala sors ta' finanzjament għall-proġetti tal-ekonomija ċirkolari. Ir-Regolament dwar InvestEU⁵⁵ jirreferi għall-ekonomija ċirkolari bħala qasam għal investiment, b'mod partikolari l-prijoritizzazzjoni ta' setturi ewlenin li għandhom l-aktar potenzjal għaċ-ċirkolarità. Għalkemm dan il-qafas legali huwa aktar speċifiku mill-qafas tal-FEIS dwar l-appoġġ għal proġetti relatati mal-fażijiet tad-disinn u tal-produzzjoni tal-ekonomija ċirkolari, l-użu ta' dawn l-istrumenti xorta waħda jiddependi mid-domanda tas-suq, li hija stimulata mill-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' konsulenza mmirati tal-BEI u tal-Kummissjoni.

⁵⁴ Id-Direttiva 2004/12/KE dwar l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar.

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/523 dwar InvestEU.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

92 B'mod ġenerali, nikkonkludu li hemm evidenza limitata li l-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAPs) tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari l-azzjonijiet rigward id-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni, kienu effettivi biex jinfluwenzaw l-attivitajiet relatati mal-ekonomija ċirkolari fl-Istati Membri.

93 Mill-pubblikazzjoni tal-ewwel CEAP fl-2015, kien hemm żieda fl-attivitajiet tal-ekonomija ċirkolari mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, kważi l-Istati Membri kollha tal-UE kienu żviluppaw, jew kienu fil-proċess li jiżviluppaw, strateġija nazzjonali għal ekonomija ċirkolari, li kienet tirreferi għas-CEAP u l-politika relatata tal-UE u kienet tinkludi disinn ċirkolari sa ċertu livell. Madankollu, u minkejja l-leġiżlazzjoni tal-UE li tinċentiva l-finanzjament mill-UE għall-ekonomija ċirkolari, ir-rata ta' ċirkolarità żdiedet biss b'0.4 punti perċentwali bejn l-2015 u l-2021. Minbarra dan, il-progress kien iwarja sostanzjalment fost l-Istati Membri. F'dan l-isfond, l-ambizzjoni tal-UE li tirdoppja r-rata ta' ċirkolarità sal-2030 tidher diffiċli ħafna (ara l-paragrafi [23](#) - [28](#)).

94 Il-qafas tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ tat-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari ma kienx ikopri l-aspetti ewlenin kollha. Ma kellux indikaturi speċifiċi għad-disinn ċirkolari tal-prodotti, jiġifieri l-fażi li tiddetermina l-biċċa l-kbira mill-impatt ambjentali tiegħu (ara l-paragrafi [29](#) - [32](#)).

Rakkomandazzjoni 1 – Jittejjeb il-monitoraġġ tat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza kif tiegħu inkunsiderazzjoni aħjar l-aspetti ewlenin tal-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari d-disinn ċirkolari tal-prodotti biex jittejjeb il-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar politika, inizjattivi u azzjonijiet ġodda.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2024.

95 L-ewwel CEAP kien jinkludi firxa ta' miżuri ta' abilitazzjoni, li tfasslu biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari billi jistabbilixxu orjentazzjoni tal-politika f'oqsma bħall-innovazzjoni u l-investment. Sibna evidenza limitata li dawn il-miżuri kienu kkontribwew b'mod effettiv għat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari. Fl-aħjar każ, kellhom biss impatt modest. Filwaqt li kien hemm interess qawwi minn partijiet interessati istituzzjonali oħra tal-UE fl-identifikazzjoni ta' obsolexxenza ppjanata, il-Kummissjoni kkonkludiet li skema ta' ttestjar biex tidentifika intenzjoni ħażina min-naħa tal-manifattur ma kinitx fattibbli (ara l-paragrafi **35** - **51**).

96 Fil-perjodu 2014-2020, il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ntuzza prinċipalment għall-immaniġġjar tal-iskart, li meta mqabbel mad-disinn ċirkolari għandu inqas potenzjal li jnaqqas l-impatt ambjentali. Minkejja d-disponibbiltà tal-finanzjament mill-UE u l-appoġġ kumplessiv għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma mmirawx il-finanzjament b'mod effettiv lejn investimenti li jiffukaw fuq id-disinn ċirkolari. Filwaqt li saret aktar enfasi fuq l-ekonomija ċirkolari fil-programmazzjoni tal-perjodu 2021-2027, l-Istati Membri xorta waħda jistgħu jagħżlu li jonfqu ammonti sostanzjali ta' finanzjament mill-UE fuq l-immaniġġjar tal-iskart minflok fuq il-prevenzjoni tiegħu permezz tad-disinn ċirkolari (ara l-paragrafi **52** - **65**).

97 Mill-fondi mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni fil-perjodu 2014-2020, Orizzont 2020 kien l-akbar kontributur għall-inizjattivi relatati mal-ekonomija ċirkolari. Għalkemm ta finanzjament tal-UE għal proġetti relatati mad-disinn ċirkolari, is-soluzzjonijiet ta' riċerka li wettaq kellhom livell relattivament baxx ta' maturità, u dan xekkel l-applikazzjoni immedjata tagħhom min-negozji fl-Istati Membri. Is-sinerġiji limitati bejn Orizzont 2020 u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni kienu ostaklu ieħor għall-użu tagħhom (ara l-paragrafi **66** - **75**).

98 Il-programm LIFE ffinanzja għadd ta' proġetti dwar l-ekonomija ċirkolari, iżda s-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' LIFE ma tirrikjedix li l-Kummissjoni tidentifika dawk relatati mad-disinn ċirkolari. Il-programm tal-UE għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u tal-SMEs ipprova ftit finanzjament rilevanti, u l-appoġġ għad-disinn ċirkolari li ngħata mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kien affettwat minn domanda limitata tas-suq (ara l-paragrafi **76** - **91**).

Rakkomandazzjoni 2 – Jiġu analizzati r-raġunijiet għall-użu baxx li jsir mill-finanzjament tal-UE għad-disinn ċirkolari u titqies il-possibbiltà għal inċentivazzjoni akbar

Minħabba l-impatt potenzjali tad-disinn ċirkolari fuq l-ambjent, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza għalfejn il-finanzjament mill-UE, kemm f'ġestjoni kondiviża kif ukoll f'ġestjoni diretta, ma wassalx għal aktar proġetti li jiffukaw fuq id-disinn ċirkolari. Bħala parti minn din l-analiżi, jenħtieġ li hija tqis il-possibbiltà li jiġu pprovduti aktar inċentivi għall-iżvilupp ta' proġetti bħal dawn li jimmiraw lejn id-disinn ċirkolari tal-prodotti fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2024.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sra Annemie Turtelboom, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Mejju 2023.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I – Traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE li huma rilevanti għall-ekonomija ċirkolari u li ġew adottati matul is-CEAP 1

Direttiva	Data ta' skadenza tat-traspożizzjoni	Verifika tal-puntwalità u tal-kompletezza tal-Kummissjoni	
		Status	Lista ta' Stati Membri
2018/849 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, (skart) ta' batteriji u ta' akkumulaturi u skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku	5.7.2020	24 ġew ikkompletati	AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE , IT, LT, LV, MT, NL , PL , PT, RO, SE, SI, SK
		3 tard (<u>erba'</u> proċeduri ta' ksur attivi)	<u>AT</u> <u>BE</u> , <u>HR</u> – parzjali <u>LU</u> – qed jiġi eżaminat
2018/850 dwar ir-rimi ta' skart f'landfills	5.7.2020	24 ġew ikkompletati	AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE , IT, LT, LV, MT, NL , PL , PT, RO, SE, SI, SK
		3 tard (<u>tliet</u> proċeduri ta' ksur attivi)	<u>BE</u> , <u>HR</u> – parzjali <u>LU</u> – qed jiġi eżaminat
2018/851 dwar l-iskart	5.7.2020	23 ġew ikkompletati	AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE , IT, LT, LV, MT, NL , PL , PT, RO, SE, SK
		4 tard (<u>erba'</u> proċeduri ta' ksur attivi)	<u>BE</u> , <u>HR</u> – parzjali <u>LU</u> , <u>SI</u> – qed jiġu eżaminati

Direttiva	Data ta' skadenza tat-traspożizzjoni	Verifika tal-puntwalità u tal-kompletezza tal-Kummissjoni	
		Status	Lista ta' Stati Membri
2018/852 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ	5.7.2020	24 ġew ikkompletati	AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, FI, FR, HU, IE , IT, LT, LV, MT, NL , PL , PT, RO, SE, SI, SK
		3 tard (<u>tliet</u> proċeduri ta' ksur attivi)	<u>ES</u> , <u>HR</u> – parzjali <u>LU</u> – qed jiġi eżaminat
2019/771 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti	1.7.2021	21 ġew ikkompletati	AT, BE, BG, CY, DE, DK, EE, ES, FI, FR, HR, HU, IT, LT, LU, LV, MT, NL , PT, RO, SE
		6 tard (<u>sitt</u> proċeduri ta' ksur attivi)	<u>CZ</u> , <u>EL</u> , IE , PL , <u>SI</u> , <u>SK</u>
2019/883 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti	28.6.2021	12 ġew ikkompletati	EL, CY, ES, HR, HU, IT, LT, LU, MT, PT, RO, SK
		15 tard (<u>16</u> -il proċedura ta' ksur attiva)	<u>BG</u> – parzjali <u>BE</u> , <u>DE</u> , <u>FI</u> , <u>SE</u> , <u>SI</u> , PL – parzjali u qed jiġu eżaminati <u>AT</u> , <u>CY</u> , <u>CZ</u> , <u>DK</u> , <u>EE</u> , <u>FR</u> , IE , <u>LV</u> , NL – qed jiġu eżaminati

Direttiva	Data ta' skadenza tat-traspożizzjoni	Verifika tal-puntwalità u tal-kompletezza tal-Kummissjoni	
		Status	Lista ta' Stati Membri
2019/904 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent	3.7.2021	13 ġew ikkompletati	AT, BG, CY, DE, EL, ES, HU, IT, LT, NL , RO, SE, SK
		14 tard (<u>12</u> -il proċedura ta' ksur attiva)	<u>BE</u> , <u>CZ</u> , <u>FI</u> , <u>HR</u> , <u>LV</u> , <u>MT</u> , <u>PT</u> , <u>SI</u> – parzjali <u>EE</u> , <u>IE</u> , <u>LU</u> , <u>PL</u>
KUMPLESSIVAMENT seba' direttivi	id-dati ta' skadenza għaddew	141 ġew ikkompletati 46 tard (25 %) 48 proċedura ta' ksur attiva	

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-Kummissjoni f'Lulju 2022.

Anness II – Lista tal-azzjonijiet tas-CEAP 1 u tas-CEAP 2 tal-Kummissjoni relatati mad-disinn ċirkolari¹

#	Azzjoni	DĠ bi tmexxija konġunta	Grupp ta' azzjonijiet skont is-CEAP	Proġetti eżaminati
CEAP 1				
1	Enfasi fuq ir-rekwiżiti tal-prodotti li huma relatati mal-ekonomija ċirkolari skont id-Direttiva dwar l-ekodisinn (multisettorjali), u l-implimentazzjoni tal-proposta għal regolament (inklużi t-televiżjonijiet u l-iskrins)	DĠ ENV-GROW-ENER	Produzzjoni	-
2	Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn għall-perjodu 2015-2017 u talba għal standards dwar l-effiċjenza tal-materjali inklużi r-rekwiżiti tal-Ekodisinn dwar id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija u r-riċiklabbiltà tal-prodotti	DĠ GROW-ENER	Produzzjoni	-
3	Analiżi tal-possibbiltà li jiġu proposti rekwiżiti orizzontali għall-għoti ta' informazzjoni dwar it-tiswija fil-kuntest tal-Ekodisinn	DĠ ENV-GROW-ENER	Konsum	-
4	Eżaminar ta' għażliet u azzjonijiet għal qafas ta' politika aktar koerenti tal-linji ta' ħidma differenti dwar il-politika tagħha tal-prodotti fil-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari	DĠ ENV-GROW-ENER	Produzzjoni	-
5	Valutazzjoni tal-possibbiltà ta' programm ta' ttestjar indipendenti dwar l-obsolexxenza ppjanata	DĠ ENV-RTD-JUST	Konsum	1 x H2020
6	Żvilupp ta' bażi ta' għarfien imtejba u appoġġ lill-SMEs sabiex jiġu sostitwiti s-sustanzi perikolużi ta' tħassib serju ħafna	DĠ GROW	Produzzjoni	1 x LIFE 2 x COSME
7	Twaqqif ta' network miftuħ pan-Ewropew ta' infrastrutturi teknoloġiċi għall-SMEs sabiex it-teknoloġiji avvanzati tal-manifattura jiġu inkorporati fil-proċessi tal-produzzjoni tagħhom	DĠ GROW	Produzzjoni	1 x H2020 1 x COSME

#	Azzjoni	DĠ bi tmexxija konġunta	Grupp ta' azzjonijiet skont is-CEAP	Proġetti eżaminati
<u>8</u>	Gwida dwar l-ekonomija ċirkolari fid-dokumenti ta' referenza tal-aqwa tekniki disponibbli (il-BREFs) tal-UE għal diversi setturi industrijali (multisettorjali)	DĠ ENV	Produzzjoni	-
<u>9</u>	Eżaminar ta' kif jistgħu jittejbu l-effiċjenza u l-użu tal-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) tal-UE u tal-programm pilota dwar il-verifika tat-teknoloġija ambjentali (ETV)	DĠ ENV	Produzzjoni	-
<u>10</u>	Involviment tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni permezz ta' fora eżistenti f'setturi ewlenin	DĠ ENV-GROW	Innovazzjoni u investimenti	-
<u>11</u>	Attivitajiet immirati ta' sensibilizzazzjoni u ta' komunikazzjoni li jgħinu lill-Istati Membri u lir-reġjuni jużaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-ekonomija ċirkolari	DĠ REGIO	Innovazzjoni u investimenti	5 x FEŻR
<u>12</u>	Appoġġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni sabiex isaħħu l-innovazzjoni għall-ekonomija ċirkolari permezz tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti	DĠ REGIO	Innovazzjoni u investimenti	-
<u>13</u>	L-inizjattiva "Industrija 2020 u l-ekonomija ċirkolari" fl-ambitu ta' Orizzont 2020	DĠ GROW-RTD	Innovazzjoni u investimenti	1 x H2020
<u>14</u>	Attivitajiet immirati ta' sensibilizzazzjoni li jinkoraġġixxu applikazzjonijiet għal finanzjament taħt il-FEIS, u li jappoġġaw l-iżvilupp ta' proġetti u ta' pjattaformi ta' investment rilevanti għall-ekonomija ċirkolari	DĠ ENV-GROW	Innovazzjoni u investimenti	1 x FEIS
<u>15</u>	Żvilupp ta' qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari	DĠ ENV-GROW-ESTAT	Monitoraġġ	-

#	Azzjoni	DĠ bi tmexxija konġunta	Grupp ta' azzjonijiet skont is-CEAP	Proġetti eżaminati
CEAP 2				
16	Proposta leġislattiva għal inizjattiva rigward il-politika għal prodotti sostenibbli	DĠ ENV-GROW-ENER	Qafas ta' politika sostenibbli għall-prodotti	-
17	Inizjattiva għall-Elettronika Ċirkolari, soluzzjoni ta' ċarġer komuni, u sistemi ta' ppremjar biex jiġu ritornati apparati qodma	DĠ CNECT-GROW-ENER	Ktajjen tal-valur tal-prodotti ewlenin	-
18	Rieżami tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, inkluża l-integrazzjoni ta' prattiki tal-ekonomija ċirkolari fil-BREFs li jmiss	DĠ ENV	Qafas ta' politika sostenibbli għall-prodotti	-
19	Appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari permezz ta' fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta u inizjattivi urbani	DĠ REGIO	Nagħmlu l-ekonomija ċirkolari taħdem għan-nies, għar-reġjuni u għall-bliet	-
20	Rieżami tad-Direttiva dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi f'taġħmir elettriku u elettroniku u gwida biex jiġu ċċarati r-rabtiet tagħha mar-rekwiżiti tar-REACH u tal-Ekodisinn	DĠ ENV	Ktajjen tal-valur tal-prodotti ewlenin	-
21	Jiġi aġġornat il-Qafas ta' Monitoraġġ tal-Ekonomija Ċirkolari biex jiġu riflessi l-prijoritajiet politiċi ġodda u jiġu żviluppati aktar indikaturi dwar l-użu tar-riżorsi, inkluż il-konsum u l-impronti materjali	DĠ ENV-ESTAT	Monitoraġġ tal-progress	-

¹ Il-kuluri użati f'din it-tabella jirriflettu l-klassifikazzjoni mill-QEA ta' tipi differenti ta' azzjonijiet tas-CEAP: qafas regolatorju, miżuri ta' abilitazzjoni, allokazżjoni ta' fondi u monitoraġġ tal-progress tal-UE (ara l-[Figura 4](#)).

Sors: il-QEA, ibbażat fuq is-CEAP 1 u s-CEAP 2.

Anness III – Il-qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari

#	Indikatur (grupp)	Rilevanza	Leġiżlazzjoni u politika tal-UE (eżempji)
Produzzjoni u konsum			
1	L-awtosuffiċjenza tal-UE għall-materja prima	L-ekonomija ċirkolari għandha tgħin biex jiġu indirizzati r-riskji tal-provvista għall-materja prima, l-aktar il-materja prima kritika.	L-Inizjattiva dwar il-Materja Prima; il-Pjan Direzzjonali għal Użu Effiċjenti tar-Riżorsi
2	L-akkwist pubbliku ekoloġiku	L-akkwist pubbliku huwa proporzjon kbir tal-konsum u jista' jixpruna l-ekonomija ċirkolari.	L-Istrateġija dwar l-Akkwist Pubbliku; skemi ta' appoġġ tal-UE u kriterji volontarji għall-akkwist pubbliku ekoloġiku
3a-c	Il-ġenerazzjoni tal-iskart	F'ekonomija ċirkolari, il-ġenerazzjoni tal-iskart tiġi minimizzata.	Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart; direttivi dwar flussi speċifiċi tal-iskart; l-Istrateġija għall-Plastiks
4	Il-ħela tal-ikel	Ir-rimi tal-ikel iħalli impatti negattivi fuq l-ambjent, fuq il-klima u fuq l-ekonomija.	Ir-Regolament tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel; id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart; inizjattivi varji (eż. il-Pjattaforma dwar it-Telf u l-Ħela tal-Ikel)
L-immaniġġjar tal-iskart			
5a-b	Ir-rati ġenerali tar-riċiklaġġ	Iż-żieda fir-riċiklaġġ hija parti mit-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari.	Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart
6a-f	Ir-rati tar-riċiklaġġ għal flussi speċifiċi tal-iskart	Dan jirrifletti l-progress fir-riċiklaġġ tal-flussi ewlenin tal-iskart.	Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart; id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills; direttivi dwar flussi speċifiċi tal-iskart
Il-materja prima sekondarja			
7a-b	Il-kontribut tal-materjali riċiklati għad-domanda tal-materja prima (inkluża r-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari)	F'ekonomija ċirkolari, il-materja prima sekondarja tintuża komunement biex isiru prodotti ġodda.	Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart; id-Direttiva dwar l-Ekodisinn; l-Ekotikketta tal-UE; REACH; l-Inizjattiva dwar l-interfaċċa bejn il-politiki tas-sustanzi kimiċi, tal-prodotti u tal-iskart; l-Istrateġija għall-Plastiks; standards tal-kwalità għall-materja prima sekondarja

#	Indikatur (grupp)	Rilevanza	Leġislazzjoni u politika tal-UE (eżempji)
8	Il-kummerċ tal-materja prima riċiklabbli	Il-kummerċ tal-materjali riċiklabbli jirrifletti l-importanza tas-suq intern u l-parteċipazzjoni globali fl-ekonomija ċirkolari.	Il-Politika dwar is-Suq Intern; ir-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart; il-Politika kummerċjali
Il-kompetittività u l-innovazzjoni			
9a-c	L-investimenti privati, l-impjiegi u l-valur miżjud gross	Dan jirrifletti l-kontribut tal-ekonomija ċirkolari għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir.	Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa; il-Fondi Strutturali u ta' Investiment; InnovFin; il-Pjattaforma ta' Appoġġ Finanzjarju għall-Ekonomija Ċirkolari; l-Istrateġija għall-Finanzi Sostenibbli; l-Inizjattiva għal Impjiegi Ekoloġiċi; l-Aġenda l-Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa; il-Politika dwar is-Suq Intern
10	Privattivi	It-teknoloġiji innovattivi relatati mal-ekonomija ċirkolari jżidu l-kompetittività dinjija tal-UE.	Orizzont 2020

Sors: il-QEA, ibbażat fuq [COM\(2018\) 029](#).

Abbrevjazzjonijiet

BEI: Bank Ewropew tal-Investment

BREF: Dokumenti ta' referenza tal-aqwa tekniki disponibbli

CEAP: Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari

COSME: Programm tal-UE għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs

DĠ ENER: Direttorat Ġenerali għall-Enerġija

DĠ ENV: Direttorat Ġenerali għall-Ambjent

DĠ GROW: Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

DĠ JUST: Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi

DĠ REGIO: Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana

DĠ RTD: Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

EIAH: Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti

EMAS: Skema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi

ESTAT: Eurostat

ETV: Verifika tat-Teknoloġija Ambjentali

FEIS: Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

NRRP: Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza

RDK: Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni

REACH: Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi

SME: Intrapriża żgħira jew medja

Glossarju

Bank Ewropew tal-Investment: Bank tal-UE, li huwa proprjetà tal-Istati Membri, u li jipprovdi finanzjament għal proġetti b'appoġġ għall-politika tal-UE, prinċipalment fl-UE, iżda wkoll esternament.

Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti: Pjattaforma li tikkombina s-servizzi kollha ta' konsulenza għall-investimenti u l-assistenza teknika għall-applikanti għal appoġġ mill-FEIS.

Ċiklu tal-ħajja ta' prodott: Il-fażijiet fil-ħajja ta' prodott, mill-akkwiżizzjoni tal-materja prima meħtieġa biex dan isir sar-rimi eventwali tiegħu fi tmiem il-ħajja utli tiegħu.

Ekodisinn (disinn ċirkolari): Approċċ għad-disinn li jimminimizza l-impatt ambjentali fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott.

Ekonomija ċirkolari: Sistema ekonomika bbażata fuq l-użu mill-ġdid, il-kondiviżjoni, it-tiswija, ir-rinnovazzjoni, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali sabiex jiġu minimizzati l-użu tar-riżorsi, l-iskart u l-emissjonijiet, notevolment permezz tad-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni.

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, filwaqt li tiġi promossa t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali: Fond tal-UE li jqawwi l-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jiffinanzja investimenti li jnaqqsu l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni.

Fond ta' Koeżjoni: Fond tal-UE għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-UE bl-iffinanzjar ta' investimenti fl-Istati Membri fejn l-introjt nazzjonali gross għal kull abitant ikun inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej: Il-ħames fondi prinċipali tal-UE li flimkien jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha fil-perjodu 2014-2020: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

Intrapriża żgħira jew medja: Definizzjoni skont id-daqs, li tiġi applikata għal kumpaniji u għal organizzazzjonijiet oħra, fuq il-bażi tal-għadd ta' impjegati u ta' ċerti kriterji finanzjarji. Intrapriżi żgħar ikollhom inqas minn 50 impjegat, u fatturat jew total tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbix l-EUR 10 miljun. L-intrapriżi ta' daqs medju jkollhom inqas minn 250 impjegat, u fatturat mhux ogħla minn EUR 50 miljun jew total tal-karta tal-bilanċ mhux ogħla minn EUR 43 miljun.

InvestEU: Mekkaniżmu biex jimmobilizza l-investment privat fi proġetti li huma ta' importanza strateġika għall-UE.

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Korp konsultattiv tal-UE, li jaġixxi bħala forum għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

LIFE: Strument finanzjarju li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali u klimatika tal-UE permezz tal-kofinanzjament ta' proġetti fl-Istati Membri.

Materja prima sekondarja: Materjali riċiklati li jistgħu jintużaw fi proċessi tal-manifattura minflok jew flimkien ma' materjali ġodda jew mhux użati (magħrufa bħala **materja prima primarja**).

Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta: Strument tal-UE li jippromwovi l-bidla lejn ekonomija newtrali għall-klima u li jappoġġa l-komunitajiet u r-reġjuni l-aktar affettwati finanzjarjament mit-tranżizzjoni.

Obsolescenza ppjanata: Il-prattika li permezz tagħha l-prodotti jiġu ddisinjati biex ikollhom ħajja limitata sabiex il-konsumaturi jkollhom jixtru oħrajn ġodda.

Orizzont 2020: Il-programm ta' finanzjament mill-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

Patt Ekoloġiku Ewropew: L-istrateġija tal-UE għat-tkabbir adottata fl-2019, bl-għan li l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050.

Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs: Programm tal-UE biex jgħin lin-negozji ż-żgħar jaċċessaw swieq ġodda.

Servizzi ta' Konsulenza ta' InnovFin: Servizz tal-BEI li jipprovdi gwida dwar il-mod kif jiġu strutturati l-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni sabiex jiksbu aċċess aħjar għall-finanzjament.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2023-17>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2023-17>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar bil-għan li dawn iħallu impatt massimu, billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla II tal-Awditjar li tispċjalizza f'Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, u li hija mmexxija minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Iliana Ivanova, Membru tal-QEA, li nġhatat appoġġ minn James Verity, Kap tal-Kabinett u Ivan Genchev, Attaché tal-Kabinett; Niels Erik Brokopp, Maniġer Prinċipali; Rafal Gorajski, Kap tal-Kompitu; Agota Krenusz, Paloma Munoz Mula, Dieter Böckem, Joanna Laskowska u Katarzyna Solarek, Awdituri. Michael Pyper ipprova appoġġ lingwistiku.



Mix-xellug għal-lemin: Paloma Munoz Mula, James Verity, Iliana Ivanova, Rafal Gorajski, Agota Krenusz.

DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Figuri 1, 3 u 4 – Ikoni: Dawn il-figuri tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#).

© Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għas-siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuq dawn, inti mħeġġeġ tirrevedi l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN 978-92-849-0555-3	ISSN 1977-5741	doi: 10.2865/539734	QJ-AB-23-022-MT-N
HTML	ISBN 978-92-849-0591-1	ISSN 1977-5741	doi: 10.2865/767573	QJ-AB-23-022-MT-Q

Ekonomija ċirkolari tippreserva l-valur tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi kemm jista' jkun fit-tul u timminimizza l-iskart. Id-disinn ta' prodott jiddetermina madwar 80 % tal-impatt ambjentali tiegħu. Sibna biss evidenza limitata li ż-żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAPs) tal-Kummissjoni, b'mod partikolari f'termini tad-disinn ċirkolari tal-prodotti u tal-proċessi tal-produzzjoni, kienu effettivi biex jinfluwenzaw l-attivitajiet relatati mal-ekonomija ċirkolari fl-UE. Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tanalizza r-raġunijiet għall-użu baxx, mill-Istati Membri, tal-finanzjament mogħti mill-UE għad-disinn ċirkolari u tqis kif se jiġu pprovduti aktar inċentivi għal dan, kif ukoll ittejjeb il-monitoraġġ tagħha tat-tranżizzjoni tal-Istati Membri lejn ekonomija ċirkolari.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors